**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' April, 2024

Rikors Ġuramentat: 265/15AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 1682/1992)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

A. Dikjarazzjoni tal-Fatti

*1. ILLI l-kontendenti zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (27.09.1992) u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok RA1;*

*2. ILLI kif jirrizulta mill-kopji tac-Certifikati tat-Twelid hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok RA2 u DOK RA3, minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, subien, u cioe' D B imwieled nhar il-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (1993) u E imwieled fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000); illi ghalhekk D huwa maggorenni u ghandu impjieg, filwaqt li E ghad ghandu hmistax (15)-il sena u dunque ghadu minorenni;*

*3. ILLI z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, inter alia eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut, inoltre illi l-konvenut kellu relazzjoni ex-maAli minn liema relazzjoni twieldet tifla illi illum il-gurnata ghandha ghaxar (10) snin, u sahansitra fil-fehema tal-esponenti, huwa qieghed f'relazzjoni adultera illum il-gurnata; u dan noncio' l-fatt illi l-attrici ppruvat ghal diversi snin tghaqqad iz-zwieg, izda dan sfaxxa fix-xejn;*

*4. ILLI l-kontendenti ghadhom jgħixu taht l-istess saqaf, ghalkemm f'dan l-istadju ma fadal l-ebda komunikazzjoni bejniethom, liema komunikazzjoni hija wkoll ferm difficli fir- rigward tal-bzonnijiet ta' wlied il-partijiet;*

*5. ILLI effettivament il-partijiet esploraw il-possibilita' ta' soluzzjoni bonarja, izda dan l-attentat falla peress illi l-partijiet ma qablux, primarjament meta l-attrici riedet tkun taf l-ammont ta' flus li l-intimat ta lil bintu u lill-ommha, u dan dejjem mill-Kommunjoni tal-Akkwisti tal-konjugi B, izda l-ebda informazzjoni ma nghatat;*
*6. ILLI l-esponenti temmen illi jekk hi tkun taf, kif inhu dritt taghha, kemm l-intimat effettivamet hallas bhala manteniment, rigali, u sehemu tal-ispejjez straordinarji ghal bintu, kif ukoll rigali li l-intimat ta lil omm bintu, hija jkollha ideja cara ta' sehemha mill- komunjoni tal-akkwisti;*

*7. ILLI l-attrici kienet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax [digriet nru 2573/15] in atti tal-Ittra numru 211/15 BOB.*

*8. ILLI dawn il-fatti hawn fuq dikkjarati huma a diretta konoxxenza tal-attrici;*

*B. Ragunijiet ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri*

*1. ILLI l-proceduri prezenti qegħdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi rikonoxxuti fil-Ligi u sabiex jigu mposti fil-konfront tal-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u jinghataw dawk il-provvedimenti kollha necessarji u ancillari ghall-istess separazzjoni personali bejn il-partijiet.*

*C. Talbiet Attrici*

*GHALDAQSTANT, l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r- ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill-konvenut, u minhabba l- adulterju da parti tal-konvenut li rrendiet il-hajja mizzewga impossibbli;*

*2. Tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għat-tkissir taz-zwieg de quo, ghal dawk ir-ragunijiet ndikati fir-rikors odjern, jew liema minnhom, u li abbazi taghhom, qieghda tintalab il-firda personali bejn il-kontendenti;*

*3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minorenni E B f'idejn l-attrici salv l-access tal- konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti;*

*4. Tiddikjara li l-kontendenti ghandom jikkontribwixxu f'sehem indaqs bejniethom versu l-ispejjez straordinarji tal-edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari tal-minuri;*

*5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentarja illi tigi stabbilita minn din l- Onorabbli Qorti ghall-minuri, tenut kont tal-mezzi tal-konvenut u l-htigijiet tal-minuri u wara illi tapplika ukoll il-provvedimenti tal-Artikolu 3B(2)(a) u 54(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema retta alimentarja tigi mhallsa b'dawk il-modalitajiet opportuni, inkluz z-zieda relattiva ghall-gholi tal-hajja u l-mod l-istess retta alimentarja tista' tawmenta minn zmien ghal zmien sa l-eta' maggorenni u oltre sa l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jkun ghadu student fuq bazi full-time u ghalhekk ma jkunx ragonevolment possibbli ghalih illi jmantni lilhu nnifsu kif xieraq, u tordna illi tali manteniment jinqata' mill-paga jew introjtu iehor illi l-konvenut jista' jkollu kull fejn ikun qieghed jahdem, jew minn kwalunkwe beneficcju illi l-istess konvenut ikun intitolat ghalih, u jithallas direttament lill-attrici;*

*6. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet occurrendo bl-opera ta' perit nominandi;*

*7. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda u ddekada mill-jeddijiet msemmija u tiddikjara inoltre illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-attrici wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall- attrici, u ghal dan l-iskop, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;*

*8. Minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti u in linea sussidjarja ghall-istess, tawtorizza lill-attrici sabiex tghix fid-dar matrimonjali, ossia l-fond fl-indirizz X, Triq X, Siggiewi, SGW X, ad eskluzjoni tal-konvenut, ukoll bl-applikazzjoni tal- Artiklu 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*9. In linea sussidjarja, minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, tawtorizza lill-attrici sabiex tixtri s-sehem tal-intimat mid-dar matrimonjali, dejjem hekk hija tkun finanzjarjament indipendenti taghmel l-istess fit-tmiem tas-separazzjoni;*

*10. In linea sussidjarja, minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, u unikament f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-istess talba, tordna illi immedjatament mil-ghoti tas- sentenza, id-dar matrimonjali, ossia l-fond fl-indirizz X, Triq X, Siggiewi, SGW X, titpogga ghall-bejgh fuq is-suq liberu ghal prezz illi jigi ndikat minn perit arkitett illi jista' jigi nominat mill-partijiet fil-pendenza ta' dawn il-proceduri jew minn din l-Onorabbli Qorti f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet, u tiffissa penali per diem illi jkun pagabbli minn parti wahda favur l-ohra f'kaz illi xi parti tohloq xi ostakolu sabiex il-proprjeta' tigi reklamata ghall-bejgh u/jew f'kaz illi xi parti tonqos milli tidher ghall-bejgh f'kaz illi jinsab il-bejgh ghall-prezz indikat, u tordna wkoll illi fin-nuqqas tal- bejgh tal-istess dar matrimonjali, l-attrici tigi awtorizzata illi tghix fl-istess proprjeta' flimkien ma' wliedha minuri, ad eskluzjoni tal-konvenut;*

*11. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Kommunjoni tal-Akkwisti kif ukoll kwalunkwe beni ohra mizmuma in komun bejn il-partijiet, f'zewg ishma illi, in segwitu ghat-talbiet precedenti, ma jkunux necessarjament ugwali, u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti ai termini tal-istess billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment;*

*12. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u/jew il-valur tal-istess, u tordna lill- konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;*

*13. Tiddikjara illi l-fond fl-indirizz X, Triq Mons. X, Siggiewi, SGW X, m'ghandux aktar jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet;*

*14. Tordna lill-konvenut sabiex, sa mhux aktar tard mid-data tas-sentenza, jivvaka minn kull proprjeta' appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti, jew altrimenti mizmuma in komun bejn il-partijiet, sabiex b'hekk, din tkun tista' tigi assenjata jew likwidata liberament;*

*15. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*16. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia F.*

*17. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali Sentenza fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz dawk tal-atti tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[2] fejn eċċepixxa illi:

*1. Fl-ewwel lok, riferibbilment għall-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel illi għandha tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti iżda dan mhux għar-raġunijiet kif premessi mill-attriċi, iżda għal dawk premessi mill-istanti fir-rikors guramentat tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 (rikors ġuramentat bir-riferenza numru 271/2015 AL).*

*2. Fit-tieni lok, riferibbilment għat-tieni talba attrici, din għandha wkoll tiġi michuda stante li għat-tkissir taż-żwieġ de quo taħti unikament l-attriċi.*

*3. Fit-tielet lok, riferibbilment għat-tielet talba attriċi, din għandha wkoll tiġi michuda f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-eżerċizzju tad-drittijiet ta' kura u kustodja; dan għaliex ma jikkonkorrux l-estremi legali sabiex l-istanti jiġi svestit mill-kura u kustodja ta' ibnu E B. L-istanti jaqbel 'lli huwa għandu jibqa' jkollu aċċess għal ibnu minorenni E B li, tenut kont tal-eta' tal-istess, għandu jkun wieħed liberu, u dan fl-interess suprem tal-istess minorenni.*

*4. Fir-raba' lok, l-istanti jaqbel, kif dejjem kien, mar-raba' talba attriċi.*

*5. Fil-ħames lok, riferibbilment għall-ħames talba attriċi, l-istanti ma joġġezzjonax għall- akkoljiment tal-ewwel parti tal-istess anke peress illi huwa qatt, lanqas fl-agħar żmien ta' dissesst matrimonjali, ma naqas minn dan l-obbligu tiegħu. Din it-talba għandha pero' tigi michuda f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna detrazzjoni diretta mill-introjtu tal-istanti; dan*

[2] Fol. 20.

*stante li tali detrazzjoni ma hijiex affattu meħtieġa fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-kawżi odjerni.*

*6. Fis-sitt lok, l-istanti jaqbel mas-sitt talba attriċi.*

*7. Fis-seba' lok, riferibbilment għas-seba' talba attrici din għandha wkoll tiġi michuda stante li ma jeżistux l-estremi legali għall-aplikazzjoni tad-disposti tal-Artikoli 48 sa 54 tal- Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew liema minnhom. Inoltre, kif diga rilevat, għat-tkissir taż- żwieġ de quo taħti unikament l-attrici; kwindi kull talba mressqa f'din is-seba' talba attrici għandha wkoll tiġi michuda.*

*8. Fit-tmien lok, riferibbilment għat-tmien talba attrici, din għandha wkoll tiġi michuda stante 'lli ma teżisti ebda raġuni valida fil-Liġi 'l għaliex hija għandha tingħata d-dritt li tgħix ġewwa d-dar konjugali ad eskluzjoni tal-istanti.*

*9. Fid-disa' lok, riferibbilment għad-disa' talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġezzjoni għall-akkoljiment tal-istess purche' tali talba titqies fit-termini tat-talbiet kollha mressqa minnu fir-rikors guramentat tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 (rikors guramentat bir-riferenza numru 271/2015 AL).*

*10. Fl-għaxar lok, riferibbilment għall-għaxar talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġeżżjoni għall-akkoljiment tal-ewwel parti tal-istess; dan dejjem fit-termini tat-talbiet kollha mressqa minnu fir-rikors guramentat tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 (rikors guramentat bir- riferenza numru 271/2015 AL); riferibbilment pero' għall-aħħar talba kontenuta f'din l-għaxar talba, kif diga rilevat, ma teżisti ebda raġuni valida fil-Liġi 'l għaliex l-attriċi għandha tingħata d- dritt li tgħix ġewwa d-dar konjugali ad eskluzjoni tal-istanti.*

*11. Fil-ħdax-il lok, riferibbilment għall-ħdax-il talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġeżżjoni għall-akkoljiment tal-ewwel parti tal-istess; dan dejjem fit-termini tat-talbiet kollha mressqa minnu fir-rikors guramentat tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015 (rikors guramentat bir-riferenza numru 271/2015 AL) li jiprospettaw diviżjoni ekwa u gusta u mhux waħda f'ishma li ma jkunux ugwali; riferibbilment pero' għall-kunsiderazzjonijiet*

*ta' ħtija, l-istanti jtenni 'lli għat- tkissir taż-żwieġ de quo taħti unikament l-attriċi; kwindi l-aħħar parti ta' din il-ħdax-il talba għandha tiġi rigettata.*

*12. Fil-tnax-il lok, riferibbilment għat-tnax-il talba attrici, din għandha wkoll tiġi michuda stante li l-istanti ma għandu fil-pussess tiegħu ebda beni parafernali tal-attriċi.*

*13. Fil-tlettax-il lok, riferibbilment għat-tlettax-il talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġeżżjoni għall-akkoljiment tal-istess purche' tali pronunzjament iseħħ mas-sentenza finali ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*14. Fl-erbatax-il lok, riferibbilment għall-erbatax-il talba attriċi, din għandha wkoll tigi michuda stante li ma jeżistux l-estremi legali sabiex din it-talba, dejjem jekk l-istess hija legalment sostenibbli, tiġi akkolta.*

*15. Fil-ħmistax-il lok, riferibbilment għall-ħmistax-il talba attriċi, din għandha wkoll tigi michuda stante li l-mertu tal-kawżi orjerni ser jiġu deċiżi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*16. Fis-sittax-il lok, riferibbilment għas-sittax-il talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġezzjoni għall-akkoljiment tal-istess.*
*17. Fis-sbatax-il lok, riferibbilment għas-sbatax-il talba attriċi, l-istanti ma għandu ebda oġġezzjoni għall-akkoljiment tal-istess.*

*Salv, okkorrendo, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-istanti.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1682/1992;[3]

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru 2015[4] li bih il-Qorti ddikjarat li l-medjazzjoni hija magħluqa u tawtorizza lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi;

[3] Fol. 8.
[4] Fol. 13.

Rat il-verbal tal-1 ta' Ġunju 2016[5] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża;

Rat l-atti tal-kawża numru 271/15AL fl-ismijiet inversi u l-konnessjoni taż-żewġ kawżi;

Rat li l-provi li nġabru fil-kawża odjerna ser jitqiesu wkoll bħala provi miġbura fil-kawża numru 271/15AL li qed tigi deċiża kontestwalment;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fil-proċeduri fl-ismijiet inversi fit-13 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[6]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara l-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom minħabba eċċessi,

[5] Fol. 68.
[6] Fol. 1312.
[7] Fol. 1341.

moħqrija, theddid u offiżi gravi *da parti* tiegħu u *inoltre* minħabba adulterju. Magħdud ma’ dan, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x’inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ minħabba raġunijiet rikonoxxuti mil-Liġi u adulterju minn naħa tiegħu;

2. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-minuri E B;

3. Ixxolji, tillikwida u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet f’żewġ ishma mhux neċessarjament ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti *ai termini* tal-istess billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut għandu jkun ikkunsidrat ħati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment ;

4. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 b’dana illi l-Qorti tiddetermina d-data minn meta l-konvenut għandu jinsab ħati għal tali tifrik taż-żwieġ u tiddikjara illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd għan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-ħidma tal-attriċi wara d-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bħala d-data meta l-konvenut irrenda ruħu ħati tal-firda, liema akkwisti għandhom jibqgħu kollha għall-attriċi, u għal dan l-iskop, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-Artikolu 3 tal-Kap 16. *Inoltre*, titlob li l-Qorti tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attriċi;

5. Tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix fid-dar matrimonjali u *in linea* sussidjarja tawtorizzaha tixtri sehem l-intimat mill-istess dar jekk dan ikun finanzjarjament possibbli għaliha, u f’każ li din it-talba ma tintlaqax tordna li ma l-għoti tas-sentenza d-dar titpoġġa għal bejgħ fuq is-suq liberu u tiddikjara li l-fond m’għandux aktar jitqies bħala d-dar matrimonjali;

6. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attriċi;

7. Tordna lill-konvenut sabiex jivvaka minn kull proprjetà li tappartjeni lill-komunjoni sabiex b'hekk tkun tista' tiġi assenjata jew likwidata liberament;

8. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha *ossia* F.

Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li jiddikjara l-qbil tiegħu mat-talba għas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li l-ħtija tinkombi unikament fuq l-attriċi u joġġezzjona għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, l-għoti tal-kura u kustodja tal-minorenni lill-attriċi, id-dritt tal-attriċi li tirrisjedi fid-dar matrimonjali u r-radd lura tal-beni parafernali lill-attriċi. Huwa jirreferi għall-premessi miġjuba minnu fir-rikors ġuramentat tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2015, fl-ismijiet inversi u jgħid illi l-firda personali bejn il-partijiet għandha tkun ippronunzjata għar-raġunijiet hemmhekk premess u għalhekk il-konsegwenzi tal-firda għandhom ikunu attribwibbli lill-attriċi.[8]

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ:**

*<u>Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Konvenut:</u>*

L-attriċi tixhed fuq dan il-punt permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' nota fl-4 ta' Marzu 2016.[9] Hija tibda billi tgħid li l-partijiet iżżewwġu fis-27 ta' Settembru 1992 u tirrakkonta kif mill-bidu taż-żwieġ hija tħoss li l-konvenut ma kienx jimpurtah minnha u kien ried juriha li hu jikmanda fid-dar tant li meta waslu lura mit-tieġ hu fetħilha l-bieba tal-karozza u qalilha li d-dar hu jikmanda. Issemmi li mill-bidu tar-relazzjoni miżżewġa bdiet tbati minn infezzjonijiet fil-parti tagħha li minħabba fihom kienet iżżomm perjodi l-bogħod mill-konvenut sesswalment. Hija tgħid li l-konvenut ma kienx juriha empatija għal dan anzi kien jagħmel in-nervi. Tgħid li qabel ma ltaqgħet miegħu ma kienx ikollha dawn l-infezzjonijiet. Hija tgħid li meta kienet tkun stressjata kienu jaqbduha iktar dawn l-infezzjonijiet.

---

[8] Rikors ġuramentat numru 271/2015AL fl-ismijiet **C B vs A B**.

[9] Fol. 52.

Hija ssemmi episodji fejn il-konvenut kien ikun goff magħha fiżikament fejn ġieli taha daqqiet ta' ponn/ta' ħarta anke qabel ma żżewwġu waqt xi battibekk bejniethom.

L-attriċi tgħid li f'Marzu ta' wara li żżewwġu ħarġet tqila iżda wara li reġgħet qabditha infezzjoni, t-tabib ordnalha toqgħod tistrieħ fis-sodda. Tgħid li l-konvenut ma fehemx il-gravità tas-sitwazzjoni u l-fatt li kellhom joqgħodu l-bogħod minn xulxin sesswalment tant li qalilha li abbandunatu. Tgħid li baqgħet taħdem sa l-aħħar, filwaqt li kienet tieħu ħsieb kull bżonn tad-dar u tħit purtieri u ħwejjeġ għalihom ilkoll. Issemmi wkoll li qabditha infezzjoni fil-ħnieki u li l-konvenut kellu wkoll u li hu għadu jbati biha sal-lum.

Issemmi episodju fejn meta kellha ħames xhur tqala kienet ħabtet bil-karozza hi u ġejja lura mix-xogħol u damet fis-sħana u meta rritornat id-dar il-konvenut xejn ma kien ta' sostenn u kull ma taha każ kienu l-ispejjeż li ġarrbet il-karozza. Tkompli tgħid li hi kellha ħafna għal qalbha d-*drama* u kienet għamlet kors tad-*drama* ta' tliet snin qabel iżżewwġu, iżda tgħid li l-konvenut xejn ma kien jieħu gost li tmur għar-*rehearsals* wara x-xogħol minkejja li tgħid li kienet tlesti l-ikel minn qabel u kienet tkun id-dar sas-sebgħa ta' filgħaxija. Hija tgħid li kienet baqgħet imbikkma meta kienu attendew tieġ u ltaqgħet ma sħabha tad-*drama* u meta hi qaltilhom li ma għadhiex tmur għax kienet tqila, C qalilhom "*ħadna ħsiebha dik il-ħaġa*" u hi interpretat dak id-diskors bħala tali li juri li ħariġha tqila biex ma tmurx iktar drama. Tgħid li hu ma kellux passatempi minn naħa tiegħu u li lanqas kienu jaqblu fuq il-ġeneru ta' films li kienu jaraw.

L-attriċi tħoss li l-konvenut ma kienx sinċier magħha tul iż-żwieġ u li kien jaħbilha ħafna u tgħid li ma kinitx tkun taf fejn hi miegħu. Tgħid ukoll li kien iħobb jiċċajta goff magħha u ssemmi għadd ta' episodji f'dan is-sens bħal meta kien isabbtilha ballun ma' wiċċha u jaqbadha minn qadda waqt xi passiġġjata u jaqlibha rasha l-isfel u jġorrha b'dan il-mod quddiem in-nies. Tgħid li meta kien ikun ma sħabu lilha kien jinsiha imma ma sħabha ma tantx kien jipparteċipa.

Tgħid li bdiet tħoss li l-konvenut beda jġib kull skuża biex ma ma jkollhomx it-tieni tarbija u tgħid li beda jaqta' l-att sesswali f'daqqa u jkompli waħdu u mbagħad jgħajjarha li hi għada lura u dan l-aġir kien iweġġaha ħafna. Tgħid li kellmet lil oħtu għaliex kienet konfuża kif il-konvenut qisu ma riedx it-tieni wild u meta kellmuh il-familjari kienu ppruvaw għat-tfal. Wara li korriet reġgħet ħarġet tqila u ddeċidiet li tieħu l-*parental leave* għaliex tgħid li l-konvenut ma kienx ried li jġib lil xi ħadd jgħinha fid-dar u dan minkejja li hi kienet telqet il-karriera ta' *Accountant/Auditor* u għamlet sena l-università biex ġabet il-*warrant* ta' għalliema u jkollha ħinijiet adattati għal mat-tfal. Tgħid li meta kellha sitt xhur tqala l-konvenut żloga spallejh meta waqa' minn fuq sellum u dak iż-żmien allura x-xogħol tad-dar iktar waqa' fuqha.

Tkompli li waqt l-erba' snin *parental leave,* il-konvenut qatt ma ħa ġurnata *leave* biex iqattgħu ħin flimkien u kien jgħidilha li qed iġemma l-*leave* biex jitħallas tiegħu. Tgħid li lejl u nhar kienet tieħu ħsieb lit-tifel hi u fil-ftit li kien iżommulha waqt li tinħasel kien jagħmlu fuq ħoġru u jkompli jilgħab bil-kompjuter u mbagħad idaħlu jaħsel snienu waqt li kienet tkun qed tinħasel hi għalkemm kienet tgħidlu li tiddejjaq li jdaħħal lit-tifel quddiemha waqt li qed tinħasel (minkejja li t-tifel kien għadu żgħir ħafna).

Hija tgħid li wara x-xogħol il-konvenut kien isib kollox lest u kien iqatta' ħafna ħin quddiem il-kompjuter fejn tgħid li kien joqgħod jiċċatja ma' nisa oħra u li meta kienet tiġbidlu l-attenzjoni hu kien jgħid li ma jara' xejn ħażin b'daqshekk. Hi tgħid li min-naħa l-oħra hi kienet tkun qed tgħin lit-tfal fix-xogħol tal-iskola u twassalhom l-attivitajiet tagħhom. Tgħid li l-konvenut kien ammetta magħha li kien għaddej b'*cyber sex* mat-tabiba G H u li din kienet qaltlu li kienet issakkar lit-tfal fil-kamra tagħhom biex huma jkunu jistgħu jagħmlu dak li jridu. Hija tgħid li kienet kellmet lil missieru dwar dan u li hu għamel ta' bir-ruħu li se jaqta' l-vizzju. Tgħid li *ċirka* fl-2003 beda jmur il-*gym* ta' Ta' Qali u li beda jdum sa wara nofsilejl biex jirritorna d-dar tant li darba ħarġet tfittxu bit-tfal magħha. Tgħid li l-*mobile* tiegħu kien ikun mitfi u dan il-fatt kien qed joħloqilha nkwiet kbir u kienet tibqa' tistennih u meta jirritorna kien ikellimha qisu ma ġara xejn.

Hija tgħid li s-Sibt filgħodu kien imur dawra bir-rota u kien idum ħafna u meta darba wriet ix-xewqa li tixtri rota biex tibda tmur miegħu hu kien ħatafha u qalilha li m'għandhiex bżonn. L-istess kien ġara meta darba

qaltlu biex tmur miegħu biex iwassal it-tfal għat-*training* tal-għawm. Hu qalilha li allura hu ma kienx se jmur u marret hi. Meta kienet hemm marret tkellimha dik li mbagħad saret taf li hi l-mara li beda joħroġ magħha l-konvenut, it-tabiba G H. Hi tgħid li ħasset li din kienet mara ta' kunfidenzi żejda u ma kinitx ħadet grazzja magħha. Iktar tard ikkonkludiet li l-*gym* u l-mawriet bir-rota u t-*training* tat-tfal kienu skużi biex jiltaqa' magħha. Tgħid li mbagħad il-konvenut kien spjegalha li kellu l-intenzjoni li jitlaqha u jissepara minn magħha biex ikun mat-tabiba H.

L-attriċi tkompli tgħid li meta kien jiġi lura mix-xogħol kien ikun irid isib l-ikel lest u mhux għadu qed isir għax kien ikun irid imur il-*gym*. Meta kienu jsiefru fejn tgħid li kienet tkun hi li tfaddal sabiex imorru vaganza, kien ikun irid jorqod mat-tfal għaliex kien jgħid li jibżgħu weħidhom u jirrabja jekk ma jkollux *reception* għaliex kien jgħidilha li hu kellu ħafna responsabbiltà x-xogħol u għalhekk kienu jkunu jridu jċemplulu. Tgħid li kienet tarah mitluf fuq il-*mobile* u lanqas ritratt flimkien ma kien ikun irid li jieħdu. Kienet tippjana u tħallas kollox hi u tgħid li wara s-safra kien itellifha l-gost kollu għaliex kien joqgħod igerger fuq il-flus li jkunu nefqu anke jekk tkun ħallset mill-paga tagħha. Tgħid li hi kienet tħallas ukoll l-iskejjel privati tat-tfal, għamara għad-dar, tgħaddi flus fil-*joint accounts* għal-VISA jew biex il-konvenut jinvestihom fuq ismu.

Tirrakkonta kif kellhom vaganza ppjanata u bbukjatha bil-biljetti tal-ajru b'kollox għall-Kanada u mbagħad ħassar kollox u wara saret taf li dan kien għaliex kien qed jistenna tarbija mit-tabiba H.

Tkompli tgħid li lanqas mat-tfal ma kien imur sew u li meta kienu jdejjquh kien jgħajjat u jirrabja ħafna magħhom tant li darba t-tifel iż-żgħir bidillu xi *settings* fil-kompjuter li t-tnejn kienu jużaw u l-konvenut ħebb għalih. It-tifel issakkar f'kamartu u l-konvenut baqa' sejjer warajh jgħajjat, mitluf f'dagħdiha u baqa' jipprova jiżgassa l-bieb. Darba oħra kienu msefrin u wara li t-tfal bdew jaqbdu f'xulxin niżżel lit-tifel il-kbir fi triq bis-siġar fil-muntanji u beda jgħajjat miegħu u ħallih hemm.

Hija tkompli tgħid li bagħtiet ħafna problemi ta' saħħa minħabba l-istress li kien qed jinħolqilha minħabba l-aġir ta' żewġha l-konvenut. Tgħid li hija kkonfermat li kellu relazzjoni ma' mara oħra fl-2004 u għalkemm il-konvenut għal l-ewwel ċaħad din ir-relazzjoni, mbagħad ammetta għaliex

induna li kienet taf ħafna dettalji u hu qalilha "*issa indunajt*?" Tgħid li hi xtaqet issalva ż-żwieġ u marru għand qassis tal-moviment ta' Kana iżda meta ħarġu minn hemm il-konvenut qalilha biex tfittex avukat. Tkellmet ma' diversi nies oħra biex tfittex mod ta' rikonċiljazzjoni u fl-aħħar quddiem Fr William Axiaq, il-konvenut kien ammetta li t-tabiba H kienet tqila bit-tarbija tiegħu. It-tarbija I J K twieldet fl-24 ta' Jannar 2006 u l-attriċi tgħid li xorta waħda xtaqet taħfirlu għaliex skont il-wegħdiet taż-żwieġ hekk ħasset li kellha d-dover tagħmel u hu deher li ħa r-ruħ u nfatti marru jieklu ġo restaurant Wied il-Għajn. Tgħid li s-sena ta' qabel hu kien għamel żmien joqgħod ġo appartament il-Qawra u kien iċemplilha kuljum. Hi kienet tgħid lit-tfal li kien ikun imsiefer fuq xogħol.

Tgħid li kienet qed tinduna li wara li twieldet it-tarbija huwa kien għadu f'kuntatt ma' l-omm u għalhekk hija waqfitlu u qaltlu li jrid jiddeċiedi u hu ma baqax isemmiha. Tgħid iżda li ġieli xorta waħda baqa' jiltaqa' magħha u mat-tifla hi u ħierġa mix-xogħol. Tgħid li hi kienet armla u kellha żewġt itfal oħra u li l-konvenut kien jaf lir-raġel tagħha għax dan kien inġinier fil-kors miegħu.

Tgħid li xi sena wara li twieldet it-tarbija kienu għaddejjin waqt mixja minn quddiem id-dar tat-tabiba H u li hu kien qabad id l-attriċi u mbagħad reġa' telaqilha u wara kienet indunat li ried bħal jagħti risposta lit-tabiba H jekk stess din kienet qed tħares. Hija tgħid li wara dan xorta tħoss li ma kienx jagħmel sforzi għaż-żwieġ biex dan jirnexxi. Tgħid illi "*Meta konna mmorru nghumu kien jiehu ghawma u mbaghad jintefa' jorqod. Jekk immorru picnic, jiekol li nkun ippreparajt, imbaghad jorqod fuq il-haxix. Jekk nghidlu biex immorru shopping, anki fil-Milied, kien jghid li kien jugghu daru. Anki biex nixtrilu x'jilbes kont nixtri jien, hu jippruvhom id-dar, imbaghad nerga mmur nibdillu. Gieli kien jarma jghajjat mieghi ghax jghid li mhux hekk riedhom. Kont dejjem niehu pacenzja. Jekk norganizza ikla jew party id-dar kont irrid nipprepara kollox wahdi ghax li nafda f'idejh kien ma jaghtix kaz u mbaghad naqa' ghac-cajt mal-mistednin. Anki jekk inkun irrid naghmel xi kont il-bank ma kinx jigi mieghi, dejjem b'xi skuza, imbaghad imur jiffirma wahdu jew jghidli biex il-kont naghmlu f'ismi. Gieli kont nirranga u ngiblu l-formola d-dar. Meta veru kellna bzonn immorru qadja flimkien kien jilbes in-nuccali tax-xemx anki gewwa. Anki jekk immorru passigata flimkien, kien ihaffef qabli,*

*imbaghad jgħid li qed ihossu jistordi tant kemm ikun ghaggel, u jien kont noqghod nistennieh."*

Tgħid li waqfu jsiefru u ma kien ikun irid jirrannġa xejn fid-dar għalkemm hi kienet tipprova ħafna għax kienet tara l-bżonn. Tgħid li l-konvenut ma kellux karezzi magħha u li kien ifittixha biss għas-sess u kien jagħmel affarijiet li ma kienux jogħġbuha waqt l-att inniffsu iżda tgħid li kien jisfurzaha biex tagħmel li jrid hu.

Tgħid li wara li bdew il-proċess ta' separazzjoni ġieli refa' jdejh fuqha jew tefgħalha xi ħaġa għal wiċċha u riċentament taha daqqa b'kemm kellu saħħa fuq għonqha quddiem it-tifel iż-żgħir. Tgħid *"Ghamilt gimghatejn bin-nerv ta' jdejja x-xelluqija jnemnem u ugiegh kbir f'dari tant li ma stajtx nuza sew il-white board peress li jien xellugija. Snieni ta' fuq hassejthom se jinqalghu u nofs wiċċi mtarrax."* Hija tgħid li għamlet rapport mal-Pulizija dwar dan l-inċident li meta dehru l-Qorti għamlu obbligazzjoni *in atti*.

Hija tgħid li fl-2014 kienet sabet ħwejjeġ imċappsin *b'make up* ta' mara u darba anke qalziet ta' taħt imċappas u meta affrontatu hu ma tahiex spjegazzjoni. Tgħid li dawn rawhom it-tfal ukoll. Tgħid li sadanittant lilha ma baqax ifittixha u marret tieħu parir għax ħasset li għalxejn kienet qed tipprova u tgħid li kif spjegalha l-arċipriet ta' Santa Venera, iż-żwieġ irid jimxi l-quddiem bil-ħidma tat-tnejn u fil-fatt fl-aħħar tgħid li ħasset li għalkemm kienet għamlet minn kollox u tagħtu ċans jirranġa kellha tieħu l-pass biex tissepara u qalet lit-tfal dwar dan fejn tgħid li huma qablu magħha.

In *kontro-eżami* hija tinsisti li meta huma żżewwġu u l-konvenut qalilha li issa hu jikmanda, dan ma kienx f'kuntest ta' ċajta għalkemm dak iż-żmien kienet ħasbet hekk. In *kontro-eżami* hija tgħid li l-konvenut kien jikmanda hu iżda meta mistoqsija dwar jekk il-konvenut riedx it-tieni wild hi tgħid li ma riedx imma xorta waħda reġgħet inqabdet tqila u l-ewwel kellha *miscarriage* mbagħad reġgħet ħarġet tqila u kellha t-tieni wild. Tispjega li meta kellhom iż-żewġt itfal u dawn kien ikollhom attivitajiet extra kurrikurali differenti hi u l-konvenut kienu *"jaqsmu l-burden*" biex iwasluhom. Mistoqsija tgħid jekk qattx fiżikament ratu ġo restoranti ma'

nisa oħra hija tgħid li le għax hi kienet tkun id-dar. Tgħid li rari kien jonxor ħwejjeġ iżda ġieli ħasel platti jew kines.

Tippreżenta wkoll Nota fl-atti[10] fejn tannetti kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' I J K, it-tifla tal-konvenut.

*Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:*

a. *Ix-xhieda ta' G H fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2018*[11] fejn hija tgħid li snin ilu hi u l-konvenut kienu ħbieb iżda li issa ilhom ma jitkellmu mis-sena 2005 jew 2006. Hija tikkonferma li hi u l-konvenut għandhom tifla flimkien li twieldet fl-24 ta' Jannar 2006. Il-konvenut kien jaf li hi tqila u li twieldet it-tifla madanakollu tgħid li t-tifla I J qatt ma rat lil missierha u ma teżistix relazzjoni bejn it-tifla u missierha ħlief li kien hemm xi *text message* rari bejniethom fejn awguralha "*Happy Birthday*" u hi qaltlu "*Thank you*". Tgħid li l-konvenut qatt ma mantna lilha jew lit-tifla u qatt ma kkontribwixxa xejn għaliha jew taha xi rigali u hi qatt ma talbitu jgħinha finanzjarjament. Kemm hi u sa fejn taf hi, kemm it-tifla m'għandhom l-ebda kuntatt miegħu għaliex hija kienet riedet tagħmel *clean cut* miegħu. Tkompli tixhed fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2018[12] li għal l-ewwel sena kien jibgħatilha messaġġi iżda hi ħadet deċiżjoni li twaqqaf ir-relazzjoni u hu ddeċieda li jmur lura d-dar u ma joqgħodx magħha. Tgħid li hu dejjem baqa' d-dar mal-mara u tgħid li qatt ma tatu ċ-ċavetta tad-dar tagħha. Tgħid li meta kellha nqas minn sena t-tifla kienet sabitu ħdejn l-iskola tat-tfal il-kbar tagħha iżda ma kienux tkellmu.

b. *Ix-xhieda ta' J L fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2018*[13] li tgħid li ilha taf lill-konvenut mill-21 ta' Settembru 2015 meta hu kien bagħtilha messaġġ fuq *dating site online* u hi kienet wieġbet. Tgħid li bdew ir-relazzjoni tagħhom bħala ħbieb u li llum joħorġu flimkien. Tgħid li siefru madwar tliet darbiet flimkien

[10] Nota tal-10 ta' April 2019 a. fol. 634.
[11] Fol. 513.
[12] Fol. 543.
[13] Fol. 546.

l-Italja, Għawdex u postijiet oħra. Murija ritratt mmarkat fl-atti bħala Dok MSI[14] tgħid li dak ittieħed meta marru l-Kanada. Tgħid li hi tgħix weħedha fir-residenza tagħha.

c. *<u>Affidavit ta' M F, ossija ħu l-attriċi, debitament maħluf u ppreżentat nhar it-2 ta' Awwissu 2018,[15]</u>* fejn jgħid li oħtu kienet ċemplitlu meta saret taf li l-konvenut qed jaqlibhiela u hu jgħid li kien sorpriż għaliex qatt ma raha sinjali f'dan is-sens u taha parir lil oħtu biex taħfirlu anke meta sar jaf li ħareġ lill-mara l-oħra tqila. Huwa jikkonferma li wara li tkellmu ma' qassis, il-konvenut kien mar jgħix għal rasu u jgħid li hemm kien abbanduna lill-attriċi u lit-tfal tagħhom. Wara ftit snin l-attriċi qaltlu bis-sinjali li bdiet issib fuq il-ħwejjeġ u tgħidlu li qed ikun vjolenti magħha u jweġġaha fiżikament u jirrakkonta wħud mill-episodji li ssemmi l-attriċi. Jgħid li l-attriċi kienet tibża' li tikser il-wegħdiet taż-żwieġ jekk tinfired minn mal-konvenut iżda wara li ħadet parir anke hu qabel li la darba l-konvenut ried jgħix ħajja ta' infedeltà u kien qed ikun vjolenti magħha hija kellha tagħmel il-pass. Jgħid li meta jħares lura minn dak li jaf hu u li tgħidlu oħtu jara illi maż-żmien hija nxtorbot u kulħadd kien jikkummenta dwar dan, hi għamlet tibdil fil-karriera minħabba t-tfal għaliex dejjem irsistiet fuq dan u biex tlaħħaq mal-ispejjeż tal-familja peress li żewġha kien iħallas biss mitejn u ħamsin Ewro (€250) biss għal wieħed mit-tfal.

d. *<u>Xhieda ta' WPC 99 Josette Pace fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2018[16]</u>* fejn tippreżenta żewġ rapporti li saru mill-attriċi kontra l-konvenut;

e. *<u>Affidavit ta' N O P, ossija oħt l-attriċi debitament maħluf u ppreżentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019[17]</u>* li tikkonferma l-verżjoni ta' oħtha minn dak li qaltilha hi;

---

[14] Fol. 545.
[15] Fol. 549.
[16] Fol. 556.
[17] Fol.568.

f. *Affidavit ta' Q R, ossia ħabiba ta' l-attriċi debitament maħluf u ppreżentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019*[18] li wkoll tikkonferma l-verżjoni tal-attriċi minn dak li kienet tgħidilha l-attriċi u tgħid li l-attriċi dejjem ġabet ruħha b'mod prudenti meta toħroġ magħha u ma tati kunfidenza lil ħadd, hija persuna edukata, serja tal-affari tagħha u li dejjem iġġib l-ewwel u qabel kollox il-bżonnijiet ta' wliedha u tinkoraġġihom jibqgħu f'kuntatt ma' missierhom;

g. *Affidavit ta' E B, ossia iben l-attriċi debitament maħluf u ppreżentat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019*[19] fejn jgħid li jiftakar li meta kellu madwar ħames snin missieru kien telaq mid-dar u l-attriċi qaltilhom li kien mar jgħix man-nanna iżda li hu dak iż-żmien stess ma emminhiex għax kieku kienu jarawh isuq mit-triq tagħhom. Meta xi drabi kien jitlaq mid-dar ommhom kienet tgħidilhom li siefer fuq xogħol. Jikkonferma li kien jaraha tibki u hu kien jaħseb li għax qed tħoss in-nuqqas tiegħu imma mbagħad sar jaf li kien ikun ma' mara oħra u għalhekk ommu kienet tkun qed tibki. Jgħid li l-konvenut kien jintilef f'rabja meta kien ikun irid juża l-kompjuter u hu ma kienx ikun irid iwarrab mil-ewwel.

   Jgħid li xi sitt snin ilu kien sablu *porn videos* fuq il-kompjuter *history* tiegħu u minn hemm beda jissuspetta li l-konvenut qed jaqlibha lill-attriċi. Jgħid li missieru beda jsir iktar vjolenti miegħu u jitlef ir-raġuni meta jikkoreġih. Jikkonferma l-inċident ta' meta bidillu l-*password* li tirrakkonta l-attriċi. Jikkonferma wkoll l-inċident tal-2015 meta taha daqqa lill-attriċi f'għonqha.

   Jgħid li hu u ħuħ ma kienux jafu li l-konvenut kellu tifla oħra u fil-fatt saru jafu meta t-tifla kellha madwar għaxar (10) snin. Jgħid li kienet iddejqu l-arroganza li kien juri missieru u li fil-fatt hu ma baqax ikellmu jew iħares lejh minn meta kellu

---

[18] Fol.568.

[19] Fol.568.

madwar erbatax-il sena.  Ikkonferma l-episodji fejn l-attriċi sabet il-ħwejjeġ tal-konvenut imċappsin u mbagħad ftit wara l-attriċi bdiet il-proċeduri.  Huwa jgħid li ommu dejjem segwietu kemm f'affarijiet ta' saħħa u kemm fuq livell akkademiku u nteressat ruħha bis-sħiħ biex hu u ħuħ jimxu 'l quddiem u kienet tħallas għal diversi affarijiet minn tagħhom filwaqt li missierhom kien jgħidilha li qed tberbaq il-flus għax tibgħathom skola privata. Jgħid li l-aħħar li kellmu kien f'April 2016 f'tieġ tal-familjari fejn ħass li missieru beda jipprova jdawwarlu fehmtu fuq ommu u dak kollu li għamlet magħhom.

Jikkonkludi billi jgħid li straħ biss meta missieru telaq mid-dar. Jgħid li "*Issa li jien adult u nista' nifli l-affarijiet tal-passat ahjar nahseb li missieri jbghati minn karratteristici ta' bniedem socjopatiku. Huwa ma jafx ihobb u dejjem jilghabha tal-vittma. Jghix f'gidba, juri wicc b'iehor u jahseb li ghandu dritt ghal kollox minghajr ma jara l-bzonnijiet tal-familja jew ta' haddiehor. Huwa mimli bih innifsu, igib ruhu b'arroganza kemm id-dar kif ukoll man-nies u mohhu biex iwaqqa' lil haddiehor ghac-cajt u jipprova jimmanipula lil haddiehor billi jirbah fuq l-emozjonijiet taghhom. Qatt ma jammetti li ghamel hazin, u li l-affarijiet gabhom b'idejh. Fuq kollox ma ghandux kontroll fuqu nnifsu. Il-biza tieghi hi li bhala ibnu naf nigi nixbhu b'dan il-mod u gieli ftaht qalbi mal-mama fuq dan meta nkun kkonfondut. Hi dejjem tghamilli kuragg u tghidli li la darba naf ngharaf il-hazin dan huwa l-ewwel pass biex nghelbu.*"

In *kontro-eżami* huwa jgħid li kien biddel il-*password* tal-kompjuter ta' missieru għaliex kien tal-fehma li ż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu tkisser ħabba l-kompjuter allura ma riedx li missieru jużah iktar.  Dwar l-inċident fejn l-attriċi għamlet rapport kontra l-konvenut, mistoqsi jgħid jiftakarx li l-lejl ta' qabel ommu '*fajjret daqqtejn*' lil missieru u hu beda jgħid lil ommu tieqaf, hu jikkonferma li dan kien vera.  Jgħid li ma jiftakarx min kien jeħodhom lezzjonijiet extra kurrikurali. Jikkonferma li missieru qatt ma refa' jdejh fuqu u li ommu l-attriċi kienet urietu l-ħwejjeġ imċappsin u li t-tebgħa fuq il-

qmis kienet x'imkien ħdejn il-kullar u kienet waħda ta' lewn skur, *smudged* u ta' qies *'xi 5 by 5'.* Jispjega li meta ġara li ġara kellu ċirka ħames snin fil-waqt li ħuħ kellu għaxar snin u għalhekk ħuħ kien iktar matur biex jifhem is-sitwazzjoni fil-waqt li hu ħadha iktar bi kbira.

*Il-verżjoni tal-Konvenut u l-allegati tortijiet attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut jixhed dwar dan il-punt permezz ta' affidavit intavolat b'nota fl-20 ta' Lulju 2022.[20] Jgħid li l-ħajja fil-bidu taż-żwieġ tagħhom kienet waħda kuntenta, bid-diffikultajiet normali li jkollha kull koppja meta tkun għadha dieħla f'dar qed titlesta. Huwa jgħid li kien jasal id-dar mix-xogħol xi sagħtejn qabel l-attriċi u għalhekk tgħallem isajjar u beda kważi jlesti l-borma hu sakemm tiġi lura l-attriċi. Jgħid li meta kien ikollha d-*drama lessons* kienet iddum sa wara 21.00hrs u din il-ħaġa bdiet iddejqu speċjalment meta magħdud ma' dan l-attriċi qaltlu li kien hemm għalliem li minnu qed tara kunfidenzi żejda. Jgħid li għalhekk ikkonvinċa lill-attriċi biex jippruvaw għat-tfal. Jgħid li kien jieħu sehem attiv fit-trobbija tat-tfal tant li meta twieled it-tifel il-kbir u wassalha lura d-dar kien staqsiha kif tbiddel nappy għaliex ma kienx jaf kif u hi rrispondietu, *"Int taħseb li ħadt xi course biex biddilt nappy jumejn ilu?"* Isemmi wkoll li kien ikollhom battibekki fuq min iqum bil-lejl mat-tarbija.

Jgħid li fir-rigward tal-ħajja intima din kienet skarsa peress li l-attriċi kienet temmen fit-tagħlim tal-knisja u *ċioé* li s-sess għandu jkun *open to life.* Jgħid li daqqa kien ikollha xi infezzjoni u oħra ma kinitx tkun trid għaliex kienet taħdem bis-*safe period* u temperaturi għaliex il-*condom* kien idejjaqha. Jgħid li l-fatt li anke wara t-tfal kienet tgħidlu li l-att sesswali ried ikun *open to life* beda jurtah ħafna u kellu effett negattiv fuq ir-relazzjoni tagħhom.

Jgħid li fit-tieni tqala l-attriċi, kif anke tispjega fl-affidavit tagħha, kienet tbati minn ħruq ta' stonku iżda jgħid li kien ikun hu li kien inaddaf wara li ttella' l-ikel bil-lejl għal-kuntrarju ta' dak li tgħid hi fl-affidavit tagħha, fejn tgħid li f'dawn l-episodji hu kien jibqa' rieqed. Jgħid li meta twieled it-tifel iż-żgħir hu kien iwassal lill-kbir għand ommu fejn minn hemm kien imur l-

[20] Fol. 1020.

iskola mbagħad jerġa' jigbru minn hemm wara x-xogħol. Jgħid li avolja dak iż-żmien l-attriċi ma kinitx taħdem għaliex kienet għamlet erba' (4) snin mat-tifel iż-żgħir xorta kien imur id-dar u ma kinitx tkun għadha sajret u għalhekk kien jispiċċa jieħu ħsieb lit-tfal u jgħinha ssajjar. Jgħid li għal kuntrarju li tgħid l-attriċi hu kien jgħin lit-tfal fix-xogħol tal-iskola iżda kien jagħmel dan bil-kalma kuntrarju għall-attriċi li jgħid li kienet toħloq tensjoni kbira f'dawn il-mumenti. Jgħid li kienet tirrabja mat-tfal u hu kien jgħidilha li t-tfal kienu ntelliġenti u ma kellhoxm għalfejn u xi darba ser jistudjaw suġġetti li hi ma tafhomx għalhekk kellha tħallihom jistudjaw weħidhom. Isemmi li meta kienu jsiefru l-attriċi kienet tħobb iddur il-ħwienet u tħalli lit-tfal miegħu u darba t-tifel il-kbir intilef f'wieħed mill-ħwienet li daħlu u l-attriċi weħlet fih li ma jafx jieħu ħsiebu sewwa.

Isemmi l-episodju tal-kompjuter u jgħid li t-tifel kien juża l-kompjuter tiegħu u kif hu kien jiċċaqlaq ftit kien imur jiġri u jibqa' hemm sakemm jorqod u meta l-attriċi bdiet tgħajru fuq relazzjoni li bdiet tgħid li kellu, l-konvenut jgħid li t-tifel beda jinjorah iżda xorta baqa' juża l-kompjuter tiegħu. Jgħid li kien għamel ħafna xogħol fid-dar meta kienu qed jibnu u baqa' mbagħad ukoll jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dar. Huwa ma telaqx mill-impjieg tiegħu b'għażla iżda għaliex kienu waqfuh u fil-fatt jgħid li prova ħafna jsib xogħol ieħor iżda sabha diffiċli ħafna u għalhekk fetaħ għal rasu u l-ewwel sena kienet diffiċli ħafna.

Jgħid totalment l-oppost li tgħid l-attriċi meta jgħid li apparti li kien jieħu sehem attiv fit-trobbija tat-tfal, hu kien iħallas il-kontijiet ta' kull xahar, ix-xiri tal-affarijiet għad-dar, skejjel privati, sports u attivitajiet u anke l-vaganzi filwaqt li l-attriċi dejjem żammet il-paga tagħha għaliha. Huwa jgħid li l-attriċi kienet dejjem moħħha biex tistudja u tlesti x-xogħol tagħha tant li ma tantx kien ikollhom ħin flimkien, apparti l-fatt li jgħid li hija kienet persuna mimlija tensjoni u rabja u li kemm-il darba kienet tiżvoga fih u fit-tfal, anke tgħajjat u ssabbat. Jgħid li kien jgħidilha li bit-tisbit kienet se tispicca triegħed il-pedament tad-dar. Hu jgħid li anke t-tindif kienet tabbanduna u li kien jieħu ħsieb kollox waħdu anke meta kien weġġa daru. Jgħid li kien iħossu waħdu.

Jirrakkonta li kellu mbagħad tifla ma' mara oħra iżda li mbagħad hu u l-attriċi tkellmu anke ma' qassis u din ħafritlu u wara rnexxilhom isaħħu ż-żwieġ u għexu għaxar snin oħra bħala miżżewġin. Jgħid iżda, li lejn l-

aħħar sena li kienu jgħixu flimkien kienet tuża vjolenza u provokazzjoni u anke tgħajru quddiem it-tfal li hu qed jaqlibhiela regolarment meta jgħid li dan ma kien minnu xejn. Jgħid li kienet "*tuża kliem baxx u oxxen fil-preżenza tat-tfal tagħna sabiex tispjega l-atti sesswali li fl-immaġinazzjoni ta' moħħha jiena kont qiegħed nagħmel ma' ħaddiehor. Għal darba'oħra nsostni illi dan ma kienx minnu.*" It-tfal jgħid li emmnu l-gideb ta' ommhom tant li t-tifel ż-żgħir għadu sal-lum jinjorah għaliex t-tfal emmnu l-ommhom li hu l-kawża tat-tifrik taż-żwieġ. Fl-aħħar sitt xhur li għex id-dar jgħid li martu kienet tgħajru ħafna u waqfet issajjarlu u taħsillu l-ħwejjeġ u kellu wkoll jibda jorqod fuq saqqu fis-salott għaliex jgħid li l-attriċi kienet tgħidlu li ħwejġu jintnu u tibża minn xi infezzjoni. Jgħid li kienet tgħajru "*qahbu, mahmug nittien, hamallu, nittien, mur ma dik il-qahba l-ghandek*" u dan quddiem it-tfal tant li hu jemmen li dan affetwa r-relazzjoni tiegħu mat-tifel iż-żgħir. Jgħid li martu kienet dejjem ħsiebha fil-*courses* li tagħmel, fuq attivitajiet li kienet tmur *etc* u r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx ittiha mportanza. Jannetti ritratt tal-mejda tal-ikel li jgħid li kienet tkun mimlija kotba tagħha.

Jgħid li dejjem ħadem u għamel sagrifiċċji biex it-tfal ikollhom l-aqwa edukazzjoni u anke tkellmilhom sabiex jagħmlu prattika kull wieħed fix-xogħol tiegħu u t-tifel il-kbir beda u għadu sal-lum jaħdem miegħu bħala inġinier. Jiċħad għal kollox li huwa kien taha xi daqqiet ta' ponn lill-attriċi waqt battibekki bejniethom kif tixhed hi u jgħid li kieku żgur martu u ommha kienu jipproċedu kontrih b'rapport.

Jiċħad għal kollox li qatt ikkunsidraw abort u jaqbel max-xhieda tat-tabiba H meta jgħid li huma qatt ma kkunsidraw li jagħmlu abort jew iddiskutew dan il-punt u li dan huwa fatt ieħor frott l-immaġinazzjoni tal-konvenuta bħal meta hija akkużatu li tefgħalha l-kalmanti fl-ikel. Hu jgħid li għal kuntrarju ta' li tgħid l-attriċi huwa kien qata' kull kuntatt mat-tabiba H u li qatt m'għaddielha flus jew rigali kif fil-fatt tikkonferma hi fix-xhieda tagħha.

Jirribatti xi punti oħra minn dak li qalet l-attriċi u jgħid li:

- Meta kienu għaddejjin minn quddiem id-dar tas-Sa H waqt mixja kienet l-attriċi li marret ħdejh u qabditlu idu;
- Fid-dar kienu jirranġaw ħafna tant li anke wara li kellu *slip disk* u spiċċa ma jistax jimxi ta' tnejn u erbgħin (42) sena, beda jqabbad

in-nies u għamlu soffit tal-*gypsum* isfel kollu, bil-*coving* dawra m'id u fuq waqqgħu t-tikħil tas-saqaf u ksew bil-gibs;

- Dwar id-daqqa f'għonqa jgħid li l-lejl ta' qabel l-attriċi kienet tatu daqqa fuq daru meta kienu fis-sodda quddiem iż-żgħir wara xeba lsien u anke tefgħet ħmieġ mill-art u mis-sink fil-platt tiegħu. Jgħid li verament taha daqqa f'għonqha għax intilef fir-rabja u talabha skuża dak il-ħin u li meta telgħu l-Qorti l-attriċi kienet waqfet il-proċeduri kontrih;
- It-tiċpis bid-demm fuq ħwejġu jgħid li ċertament ma kienux ta' mara oħra għaliex mill-episodju tat-tabiba H hu jgħid li hu kien baqa' fidil lejn iż-żwieġ. Jgħid li t-tiċpis fuq il-qmis tax-xogħol kien xi demm ta' meta qaxxar il-leħja u li fuq il-qalziet ta' taħt ġieli kien ikollu xi demm. Jgħid li dawn il-ħwejjeġ l-attriċi uriethom lit-tifel iż-żgħir li dak iż-żmien kellu tlettax-il (13) sena u jgħid li dan il-fatt wera biċ-ċar kemm riedet tkisser il-familja meta xxukjat lil binha stess b'dawn l-affarijiet li bdiet tgħidlu;
- Jgħid illi kienet l-immaġinazzjoni tal-attriċi li waqt xi party hu kien imur għal xi *quicky* ma' ħabiba jew li għaffeġ xi *anti depressants* fid-drink tagħha meta jgħid li huma ma kienu jieħdu l-ebda *anti depressants* u għalhekk lanqas biss kellhom dawn il-pirmli d-dar.

In *kontro-eżami* huwa jinsisti li l-attriċi kienet tgħidlu li kien ilha jaqbadha dawn l-infezzjonijiet minn ħafna qabel ma ltaqgħu. Huwa jiċħad li kien qal li t-tabiba H kien ikollha dawn l-infezzjonijiet. Huwa jiċħad li fuq il-kompjuter tiegħu kienu jitilgħu *pop-ups* tal-pornografija u jisħaq li t-tifel iż-żgħir ma jkellmux minħabba l-arroganza tal-attriċi li jgħid li kienet takkużah b'ton arroganti quddiem it-tfal li hu jaqlibilha. Madanakollu meta mistoqsi iktar minn darba jammetti li seta' kien hemm *chatting* ma' mara oħra però dan fi żmien it-tabiba H u għaxar snin wara fi żmien meta nbdiet is-separazzjoni jiġifieri fl-2015. Jgħid li kien ħareġ f'restoranti biss ma' J L li kif xehdet hi beda joħroġ magħha wara li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni. Bejn it-tabiba H, għaxar snin qabel u s-Sa L jiċħad li qatt kien hemm nisa oħra li ħareġ magħhom. Jgħid li fiż-żmien it-tabiba H hu kien idum barra meta jmur il-*gym* iżda jiċħad kategorikament li kien hemm drabi fejn raqad barra ħlief meta kien imur għand ommu. Huwa jgħid li l-attriċi kienet tgħajru kontinwament quddiem it-tfal u takkużah li mar ma' nisa differenti u toffendih u tinsulentah quddiemhom. Jiċħad li kien hemm iktar episodji ta' vjolenza fiżika ħlief dakinhar meta l-attriċi

għamlitlu rapport mal-pulizija. Jiċħad ukoll li hu tefa' xi *anti depressants* fid-*drink* tal-attriċi u jgħid li fid-dar lanqas biss qatt kellhom din il-mediċina. Jiċħad ukoll li qatt warrab flus għat-tifla li kellu u li tahomlha wara li nqasmet il-komunjoni. Jgħid li wara li nqasmet il-komunjoni seta għamel li ried bi flusu. Huwa jinsisti li t-tiċpis li sabet fuq il-qmis l-attriċi kien fuq uniformi tax-xogħol tiegħu u li ma kienx fuq *chequered shirt* kif xehdu l-attriċi u t-tifel, li qal li ftehmu fuq dan il-fatt u li kienu skorretti. Hu jgħid li ma tistax teħodha bis-serjetà meta għax issib ftit demm fuq il-qmis jew fuq il-qalziet ta' taħt tgħid li qed taqlibhiela. Jgħid li dak kien meta qaxxar il-leħja.

*Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:*

a. *Xhieda ta' D B, ossija iben il-partijiet mogħtija fis seduta tat-30 ta' Novembru 2021*[21] fejn jiddikjara li hu inġinier u jaħdem ma' missieru u li ilu jaħdem ma' missieru bejn ħames u sitt snin. Jikkonferma li meta missieru telaq mid-dar kien hemm ħafna tensjoni u ġlied bejn il-ġenituri u li dak iż-żmien missieru kien jorqod fis-salott isfel u ommu fuq. Hu jgħid li ma jitkellimx ma ħuħ dwar jekk dan ikellimx lil missieru u għalfejn. Huwa jiftakar argumenti sħan bejn ommu u missieru iżda jgħid li ma jiftakarx fuqhiex kienu jiġġieldu. Jgħid li ż-żewġ ġenituri għenu fit-trobbija tagħhom;

b. *Affidavit ta' S K/A S T née B, ossija oħt il-konvenut, debitament maħluf u ppreżentat fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021*[22] li tikkorrabora l-verżjoni ta' ħuha u tgħid li fis-snin 2015-2016 il-konvenut kien iqatta' żewġ iljieli fil-ġimgħa ma' ommhom fejn l-aħwa kienu jaqsmu l-ġimgħa biex l-omm ma tkunx weħedha. Tgħid li ħafna drabi f'avvenimenti tal-familja l-konvenut kien imur waħdu u tikkonferma li f'tieġ tal-familja fl-2016 it-tifel iż-żgħir kien evita lil missieru u dan hi ratu bħalha *heartbreaking* u li f'dak it-tieġ il-konvenut kien qagħad magħhom. Fil-fatt tgħid li E għal kuntrarju ta' D ma kienx baqa' jmur għand in-nanna tiegħu (omm il-konvenut);

[21] Fol. 962.
[22] Fol. 967.

c. *<u>Affidavit ta' Nanne W née B, ossija oħt il-konvenut, debitament maħluf u ppreżentat</u>* *<u>fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2021[23]</u>* li tikkonferma l-verżjoni tal-konvenut u ta' oħtha S T minn dak li kienet tisma' mill-konvenut;

*<u>Il-Prinċipji legali u applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern:</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Susan Armeni vs Leonard Armeni[24]**, fejn il-Qorti tgħid dwar iż-żwieġ illi: "*25. Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijoA` fiz-zwieg.*"

F'każ illi tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Speċifikament ta' interess għal dan il-każ huma Artikolu 38 u Artikolu 40 li jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba* ***eċċessi, moħqrija, theddid*** *jew* ***offiżi gravi*** *tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew*

---

[23] Fol. 967.
[24] Deċiża fit-30 Ottubru 2015.

*minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*
*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkungħamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Kif qalet il-Qorti fil-kawża **Marthese Vella *pro et noe* vs George Valla** deċiża mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali** u mhux incidenti ta' importanza minuri"* Tkompli billi tikkwota s-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia**[25] *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"*

Tgħid il-Qorti dwar Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **J Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[26], illi: ***"**Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole **non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale**"* – ***"**Elisa*

[25]Deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1919.
[26]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

*Thompson vs Edward Thompson" (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"*

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni ikunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[27] Madanakollu kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[28]

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-Sentenzi fl-ismijiet: **J Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[29] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[30] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.[31] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[32] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "Il-*liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[33] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostitwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe***

[27] A R vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.
[28] Elisa Thompson vs. Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.
[29] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[30] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[31] Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[32] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.
[33] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

**vs Jesmond Tabone**,[34] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*". Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".[35]

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[36]

Dwar **L-inġurji u offizi gravi** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[37] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

Fil-kawża **Camilleri utrinque** il-Qorti kienet qalet*: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[38] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[39] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maAli, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Is-sentenza fl-ismijiet **J Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta'*

---

[34] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[35] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

[36] Camilleri utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.

[37] Sentenza fl-ismijiet Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.

[38] Ibid.

[39] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

*perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".* (vide A Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza fit-30 ta' Gunju 1961-Prim Awla)".

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*[40] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[41] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[42]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-**adulterju** hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[43] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **J Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika"*

Tgħid il-Qorti *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-*

[40] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[41] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[42] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[43] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).

*oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**A R vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[44]

Il-Qorti tispjega illi kif jirriżulta minn dawn l-Artikoli li jirregolaw is-separazzjoni personali, l-firda motivata mill-adulterju, iġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula kif ġej:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".*

[44] J Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern*

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-konvenut issa jinsab f'relazzjoni oħra u li l-partijiet issa ilhom jgħixu separatament u ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-partijiet f'din il-kawża jixhdu b'mod illi jikkontradixxu lil xulxin f'kull punt li jgħidu b'dak illi jħallu lil dak li jkun f'diffikultà dwar il-verżjoni veritjera jew li toqrob l-iktar lejn il-verità. Għalkemm il-partijiet iressqu provi tal-familjari tagħhom dawn jixhdu biss dwar dak li qalulhom il-partijiet u mhux dak li esperjenzaw huma personalment. Għalhekk għalkemm dawn ix-xhieda jikkorraboraw dak li jgħidu l-partijiet ma jagħtux konfort lill-Qorti li xi waħda mill-verżjonijiet għandha iktar mill-verità.

L-attriċi tattribwixxi t-tkissir taż-żwieġ lill-konvenut u tgħid li huwa ħati ta' eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi u tgħid li *inoltre* l-konvenut kellu relazzjoni *ex-maAli* minn liema relazzjoni twieldet tifla illi illum il-ġurnata għandha għaxar (10) snin, u tgħid li fil-fehma tagħha huwa qiegħed f'relazzjoni adultera illum il-ġurnata. Il-konvenut ma jiċħadx dawn iż-żewġ relazzjonijiet intimi jew li l-minuri I J K hija tiegħu (għalkemm fuq iċ-ċertifikat tat-twelid preżentat jidher *unknown father)* iżda ma jaqbilx li ż-żwieġ tkisser minħabba adulterju minn naħa tiegħu iżda li l-attriċi hija unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ.

L-attriċi tikkritika kontinwament lill-konvenut għaliex tgħid illi hu kien mill-bidu taż-żwieġ jikmanda ġod-dar filwaqt li ma kienx jgħinha fl-affarijiet tad-dar u fit-trobbija tat-tfal. Tgħid li kien ħsiebu biss fl-att sesswali mingħajr ma juriha karezzi u li ma kienx juriha empatija meta kienet tkun trid iżżomm lura minħabba infezzjonijiet li kien ikollha li hija titfa suspett li kienu trażmessi minn żewġha l-konvenut, anke meta kellha infezzjoni fil-ħnieki fit-tqala. Il-Qorti tħoss li l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest illi l-infezjonijiet kienu trażmessi mill-konvenut – hija ma ppreżentat l-ebda konklużjoni medika jew xi spjegazzjoni medika li tista' tikkonvinċi l-Qorti li dan il-mard kien trażmess minn żewġha. Hija tgħid li l-

infezzjonijiet bdew meta ltaqgħet ma' żewġha u l-konvenut jgħid li kienet tgħidlu li kienu bdew qabel.

Il-Qorti tħoss li l-attriċi tikkritika b'mod assolut kull azzjoni li kien jagħmel żewġha u mhux dejjem hija konsistenti f'dak li tgħid. Jiġi nnutat li fl-affidavit tagħha l-attriċi tmur lura u l-quddiem fiż-żmien u ma tagħtix kronoloġija korretta tal-fatti b'dak illi l-Qorti għandha diffikultà tistabbilixxi meta ġraw il-fatti li qed tirrakkonta, sekwenza li hija mportanti ħafna f'dawn it-tip ta' każijiet biex wieħed ikun jista' jistabbilixxi t-tortijiet tat-tkissir taż-żwieġ. Il-Qorti tinnota wkoll ċertu kontradizzjonijiet fil-fatti, bħal per eżempju:

1. Hija tgħid li fit-tieni tqala, kif ordnalha t-tabib, kellha toqgħod fis-sodda biex tistrieħ minħabba l-infezzjonijiet li kien qed ikollha iżda mbagħad iktar tard tgħid li kellha tibqa' taħdem sa l-aħħar tat-tqala;
2. Tgħid li l-konvenut ma kien jgħinha xejn fid-dar iżda mbagħad tgħid li fit-tqala l-konvenut żloga spallejh u x-xogħol tad-dar waqa' kollu fuqha;
3. Tgħid li l-konvenut ma kien jgħinha xejn fid-dar u kienet twassal lit-tfal għall-attivitajiet dejjem hi iżda mbagħad fil-*kontro-eżami* tgħid illi meta kellhom iż-żewġt itfal u dawn kien ikollhom attivitajiet extra kurrikurali differenti hi u l-konvenut kienu *"jaqsmu l-burden*" biex iwassluhom (kif jixhed ukoll it-tifel il-kbir). Tgħid li rari kien jonxor ħwejjeġ iżda ġieli ħasel platti jew kines.
4. Tgħid li dejjem kien jikmanda hu iżda mbagħad tgħid li għalkemm hu ma riedx it-tieni tarbija, kellhom tqala *miscarriage* u kellhom it-tieni wild;

Jidher li tul is-snin kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni xierqa li jitlob żwieġ, kif ukoll inkompatibilità ta' karattru. Jidher li l-partijiet la kienu jaqblu fil-mod kif jaraw l-att sesswali, la kienu jaqblu fit-tip ta' ċajt li jagħmlu l-xulxin, la kienu jaqblu f'affarijiet ta' kuljum bħal x'tip ta' films li jaraw u saħansitra qas kienu jaqblu jekk għandhomx ikollhom it-tieni wild. Jinsistu wkoll b'mod dijametrikament oppost li l-konvenut ma kienx jieħu leave biex joħorġu bħala familja ħlief biex isiefru u l-attriċi kienet iddum tistudja u tlesti x-xogħol tagħha sa filgħaxija b'mod li l-partijiet ma jkollhomx ċans għal xulxin. Iż-żewġ partijiet jirriżulta li kellhom professjonijiet stabbli u ta' responsabbiltà fejn l-attriċi kienet kwalifikata

fil-finanzi u iktar tard anke għamlet kors ta' għalliema u l-konvenut Inġinier.

L-attriċi madanakollu rnexxielha tipprova illi l-konvenut kellu relazzjoni ma' G H madwar is-snin 2005 u 2006 u li minn din ir-relazzjoni twieldet tifla tarbija I J K fl-24 ta' Jannar 2006. Hija tippreżenta ċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri bl-annotazzjoni *unknown father* iżda l-konvenut ma jiċħadx li dik bintu u G H wkoll tixhed f'dan ir-rigward. Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta illi l-adulterju f'dan il-punt ġie pruvat sal-grad rikjest u ma jħalli l-ebda dubju f'għajnejn il-Qorti illi dan seħħ. Kif kkwotat mill-ġurisprudenza nostrana l-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iktar gravi li għaliha tawtorizza s-separazzjoni però wieħed irid jevalwa jekk l-adultarju kinitx il-kawża prossima li kkawżat it-tkissir taż-żwieġ.

Il-partijiet fil-fatt jaqblu illi l-attriċi xorta riedet issalva ż-żwieġ minkejja li saret taf li mhux biss il-konvenut kellu relazzjoni adultera iżda saħansitra kellu tifla minn din ir-relazzjoni. Hija tgħid li "*Haddtha bi kbira hafna, iżda meta Father Axiaq staqsieni jekk nahfirlux jien ghidltu iva ghax hassejt li skond il-weghdiet taz-zwieg hekk kelli d-dover li naghmel, u li nhobbu fit-tajjeb u fil-hazin ghax iz-zwieg kien sagrament li tlhalna fih flimkien u biex nibqghu niggieldu ghalih f'kull ċirkostanza. C deher ha r-ruh u wara qalli biex immorru nieklu Wied il-Ghajn...*" Għalhekk jidher li anke l-konvenut xtaq isalva ż-żwieġ f'dak il-punt tant li anke t-tabiba H tixhed illi hu dejjem baqa' d-dar mal-mara u li wara t-twelid tat-tifla r-relazzjoni tagħhom waqfet u ma kienx ikollhom kuntatt ħlief kuntatt rari bejn il-missier u l-minuri fuq il-*mobile*. Iż-żwieġ fil-fatt kompla għal kważi għaxar snin oħra. L-attriċi tibqa' iżda tgħajjar lil żewġha b'relazzjonijiet adulteri u meta tgħid li sabitlu xi ħwejjeġ imċappsin b'kulur aħmar hija takkużah li dak hu *make up* ta' mara. Il-konvenut ma jaqbilx u l-attriċi lanqas ma tippreżenta xi provi dwar dan. It-tifel iż-żgħir tal-konjuġi jgħid li raha dawn il-marki u fil-fatt il-partijiet kollha jaqblu li t-tfal kienu preżenti waqt li l-attriċi affrontat lill-konvenut dwar dan. Madanakollu l-konvenut jinsisti li l-attriċi u t-tifel lanqas ma huma korretti fuq il-qmis involuta għaliex huma jsemmu qmis mod u hu jinsisti li kienet qmis tax-xogħol.

Il-konvenut jgħid li matul iż-żmien l-attriċi baqgħet tgħajjru quddiem it-tfal li kien qed ikollu relazzjonijiet extra matrimonjali u tuża kliem baxx

quddiem it-tfal filwaqt li bniet stejjer f'moħħha fejn saħansitra tallega li pprova jitfalgħha xi *anti depressents* fid-drink tagħha.

Mid-dinamika tal-każ, jidher illi l-attriċi verament xtaqet li ż-żwieġ ikompli jista' jkun minħabba t-twemmin tagħha jew għax verament xtaqet li l-familja tibqa' flimkien, madanakollu fil-prattika jidher li ma setgħetx tneħħi minn moħħha dak li ġara, tant li l-ħajja ta' bejn il-konjuġi spiċċat biex kienet waħda mimlija tensjoni, ġlied, tgħajjir u suspetti. Oħt l-attriċi fil-fatt tixhed ukoll li l-attriċi spiċċat togħlob u tbati minn kundizzjonijiet fil-ġilda allegatament minħabba l-inkwiet. Il-Qorti tifhem illi l-attriċi, minkejja l-*voglia* li kellha biex iż-żwieġ jirnexxi, mill-aspett uman ma kienx faċli għaliha li tinsa dan il-fatt u għalhekk bdiet tassoċja kull pass tal-konvenut ma' adulterju. Il-Qorti ma hix komda tikkonkludi li l-attriċi ġabet provi skjaċċanti li jippruvaw illi l-konvenut baqa' jfittex nisa oħra wara li ħafritlu r-relazzjoni li kellu ma' G H, ħlief għar-relazzjoni li l-konvenut jidher li beda' wara li nbdew il-proċeduri ta' medjazzjoni ma' J L. Wieħed ma jistax jikkonkludi li għaliex kien jara l-*porn*, kif jixhed it-tifel, dan ifisser li kien qiegħed jaqlibha lill-mara. Il-partijiet jidher li ddistakkaw irwieħom minn xulxin matul is-snin u l-akkużi, it-tgħajjir u t-tensjoni li kien hemm fid-dar kienu fil-fatt riżultat tal-fatt li l-attriċi għalkemm kienet qed tipprova, fil-prattika ma kienx qed jirnexxielha tneħħi minn moħħha dak li għamlilha l-konvenut għalkemm fil-punt tal-adulterju pruvat, hija ħafritlu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi għalkemm l-adulterju seħħ, dan seħħ fiż-żgħur biss ma' G H u wara li nbdew il-proċeduri ma' J L. Madanakollu wara li kellu r-relazzjoni ma' G H l-attriċi ħafret lill-konvenut kif tgħid hi stess u l-partijiet baqgħu flimkien għal kważi għaxar snin u jidher li hawn iż-żwieġ ma rnexxiex minħabba tensjoni kbira fid-dar kif jixhdu wkoll it-tfal tal-partijiet minħabba l-attitudni taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin. Filfatt, il-Qorti tħoss li l-partijiet imbagħad rendew rwieħom ħatja ta' eċċessi, inġurji u offiżi gravi fil-konfront ta' xulxin.

Ma jistax wieħed jikkonkludi li l-konvenut renda ruħu vjolenti ma' l-attriċi minħabba l-inċident iżolat li fih iż-żewġ partijiet jidher li kienu vjolenti ma' xulxin fejn l-attriċi filgħaxija sawwtet lill-konvenut, bit-tifel jitlob lill-ommu biex din tieqaf u l-għada l-konvenut ta' daqqa ta' ponn f'għonq l-attriċi. It-tnejn jixhdu dwar konsegwenzi li kellhom minn din il-ġlieda. Il-konvenut jgħid ukoll li l-attriċi tefatlu xi fdalijiet fuq i-ikel tiegħu fl-istess inċident.

Filwaqt li l-Qorti tirriafferma li ma tiġġustifikax il-vjolenza fi kwalsiasi forma li din tista' tkun, il-Qorti tinnota illi l-attriċi tonqos milli tipprova bi provi sodisfaċenti l-karattru tal-konvenut u magħdud ma' dan hija tonqos ukoll li tesebixxi xi rapporti magħmula minnha mal-Pulizija tul iż-żmien li damet miżżewġa lill-konvenut, fejn b'mod inekwivoku tistabilixxi li hija verament kienet qiegħda tibża' għal ħajjitha u għal dik ta' uliedha biex tista' tipprova l-vjolenza u moħqrija.

Lanqas ma hu prova ta' moħqrija jew vjolenza l-fatt li l-konvenut spiċċa jorqod isfel u jbiddel ġo *box room* minkejja li l-Qorti tifhem l-iskumdità li dan seta' ġab miegħu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-episodji hawn fuq imsemmija kienu riżultat ta' rabja u konfuzjoni, iddominati minn elementi ta' persistenza *da parti* tal-attriċi biex il-konvenut jammetti xi involviment ma' terzi u tensjoni ġenerali fid-dar li l-atteġġjament tal-partijiet kien qed iġib miegħu. Għalkemm dawn l-episodji partikolari ma jistgħux jiġu deskritti bħala episodji ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistgħux jiġu meqjusin bħala episodji ta' theddid u moħqrija. Il-partijiet jonqsu milli jipprovdu dawk il-provi li jikkonfermaw li l-parti l-oħra hija verament u konsistentement vjolenti iżda fil-fehma tal-Qorti l-atteġġjament huwa wieħed li bih il-partijiet jirrendu ruħhom ħatja ta' eċċessi, inġurji u offizi gravi fil-konfront ta' xulxin.

### 3. L-applikazzjoni *o meno* tal-Artikolu 48 *et seq.* tal-Kap 16:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-Qorti tħoss li għalkemm l-adulterju ġie pruvat, dan ma kienx il-kawża prossima tat-tkissir taż-żwieġ, u li l-partijiet ir-rendew

irwieħhom ħatja ta' eċċessi, inġurji u offiżi gravi fil-konfront ta' xulxin. Tenut kont dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-komunjoni għandha tinqasam kif ser jiġi stabbilit f'din is-sentenza.

## 4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladaraba l-partijiet iżżewġu nhar is-27 ta' Settembru 1992, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar it-13 ta' Ottubru 2016, fil-kawża fl-ismijiet inversi, din il-Qorti laqgħet talba tal-konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet *in ġudikat.* Għalhekk it-13 ta' Ottubru 2016 għandha tkun id-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet:

a. Dar matrimonjali bl-indirizz X, Mons. X, Siggiewi SGWX liema art li fuqha hija mibnija d-dar kienet meħuda b'titolu ta' konċessjoni enfitewtika permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tas-sittax (16) ta' Jannar, elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995)[45]. Iċ-ċens fuq tali art ġie mifdi miż-żewġ partijiet permezz ta' kuntratt tas-sittax (16) ta' Jannar, elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995)[46]quddiem in-Nutar Mario Bugeja u l-partijiet ħallsu Lm750

[45] Kuntratt ta' konċessjoni perpetwa a. fol. 618.
[46] Kuntratt ta' fidi a. fol. 626.

kull wieħed għat-tali fidi.[47] Spejjeż tad-dar kienu jinqasmu bejn il-partijiet;

b. Il-garaxx bl-indirizz X(3) Ent M, Binja X, Triq Dun X, Siggiewi, mikri għal elf u mitejn Ewro (€1,200) fis-sena permezz ta' kuntratt tat-tlieta (3) ta' Novembru elfejn u erbatax (2014).[48] B'applikazzjoni pendenti għal xiri miż-żewġ partijiet;

c. Għamara u mobbli ta' ġod-dar li jelenkaw il-partijiet:
    a. Main bedroom;
    b. Inkwatru mixtri għall-prezz ta' Lm 166;
    c. Żewġ spare bedrooms;
    d. Wallunit, desk u sideboard tas-salott;
    e. Computer desk;
    f. Tapit Afghan, coffee table u sufan tal-ġilda tad-ditta *Natuzzi*;
    g. Television u DVD player;
    h. Coffee tal-luvru;
    i. Cupboard u unit tal-cane;
    j. Kċina u dining combined;
    k. Appliances tal-kċina;
    l. Freezer fil-garage;
    m. Vetrina tad-dining room li fiha dinner set u set ta' tazzi tal-kristal;
    n. Pjanu baby grand *Kawai*;
    o. Computer system, scanner, żewġ printers, wieħed tal-kulur u GPS li ħa miegħu l-konvenut meta mar joqgħod għal rasu;
    p. Washing machine;
    q. Fridge;
    r. Żewġ freezers;
    s. Oven/hob;
    t. Cutlery;
    u. Food mixer;
    v. Microwave;
    w. Cross trainer;
    x. Office furniture;

[47] Affidavit tal-attriċi a. fol. 70.
[48] Kuntratt ta' kiri datat 3 ta' Novembru 2014 a. fol. 630.

y. Bibien;
z. Bieb tal-garaxx;
aa. Wall furnishings
bb. Linen

d. Television li xtara t-tifel;

e. Żewġ kompjuters u printer li jużaw it-tfal;

f. Cheques indirizzati lill-konvenut li jammontaw għal €39,501.56;[49]

g. Il-kontijiet bankarji konġunti jew f'isem il-partijiet separatament:
   a. Joint account mal-bank APS f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 2000105835-2 (*Savings Foreign Currency Account)* li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €19,253.63;[50]
   b. Joint account mal-bank APS f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 2000109127-2 (*Kapital Plus 3 Gbp 5yrs)* li mmatura fis-26 ta' Settembru 2016 b'dan li l-kont ingħalaq;[51]
   c. Savings Account (*previously Bonanza*) mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 1237091301-6 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €116.53 ;[52]
   d. Current Account mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 1237093001-2 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €510.70;[53]
   e. Fixed Term Deposit Account Euro mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000042481-1 li ngħalaq fl-2007;[54]
   f. Medium Term Loan mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000049621-9 li tħallas fl-2007;[55]
   g. Savings Foreign Currency Account mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000105835-2 li għadu attiv u sakemm

[49] It-tieni affidavit tal-attriċi a. fol. 69.
[50] Dok. RM1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[51] Dok. RM2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[52] Dok. APS1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[53] Dok. APS2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[54] Dok. APS3 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[55] Dok. APS4 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.

ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' GBP 19,493.63;[56]

h. Kapital Plus 3 Gbp 5 yrs mal-bank APS f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 2000109127-2 li mmatura fis-26 ta' Settembru 2016 qabel ma ġiet xolta l-komunjoni;[57]
h. Kapital Plus 8 Eur 6yrs mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000131394-2 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €10,000;[58]
h. Kapital Plus 9 Eur 6yrs mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000131918-8 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €10,000;[59]
h. Virtual account mal-bank APS f'isem l-attriċi Nru tal-kont 2000171049-7 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €1,577.53;[60]
c. Current account mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 078-001286-001 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €1851.50;[61]
d. Savings accounts mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 078-001286-050 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €29.77;[62]
e. Savings accounts mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 078-001286-051 li għadu attiv u sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien hemm bilanċ ta' €808.65 [63]
f. Savings accounts mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 043-009364-050 li ngħalaq fl-24 ta' Diċembru 2005;[64]
g. Term deposit account mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 078-001286-100 li ngħalaq fit-28 ta' Frar 2004;[65]
h. Term deposit account mal-bank HSBC f'isem il-konvenut Nru tal-kont 078-001286-101 li ngħalaq fit-22 ta' Diċembru 2010;[66]

---

[56] Dok. APS5 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[57] Dok. APS6 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[58] Dok. APS7 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[59] Dok. APS8 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[60] Dok. APS8 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[61] Dok. AG1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[62] Dok. AG2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[63] Dok. AG3 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[64] Dok. AG4 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[65] Dok. AG5 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 105.
[66] Dok. AG6 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 106.

i. Current account mal-bank HSBC f'isem l-attriċi Nru tal-kont 042057331001 li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €15.07;[67]
j. Savings account mal-bank HSBC f'isem l-attriċi Nru tal-kont 042057331050 li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €220.31;[68]
i. Savings account mal-bank BOV f'isem il-konvenut Nru tal-kont 40020256098 li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €107,504.99;[69]
j. Current account mal-bank BOV f'isem il-konvenut Nru tal-kont 40023321425 li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €295.26;[70]
k. VISA Gold mal-bank BOV f'isem il-konvenut Nru tal-kont 4459510010425037. Fuq dan il-kont kien hemm *supplementary holder* l-attriċi u din ġiet ikkanċellata minn fuqha fid-19 ta' Diċembru 2016;[71]
l. Young Savers Account mal-bank BOV f'isem A B A/C D Nru tal-kont 11704795037 li ngħalaq fit-18 ta' Jannar 2006;[72]
m. Young Savers Account mal-bank BOV f'isem A B A/C D Nru tal-kont 40013241337 li ngħalaq fit-18 ta' Jannar 2006;[73]
n. Savings Account mal-bank BOV f'isem A B A/C D Nru tal-kont 40014854862 li ngħalaq fit-18 ta' Settembru 2006;[74]
n. Joint Savings account mal-bank BOV f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 11797111013 li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €523.54;[75]
o. Joint Current account mal-bank BOV f'isem iż-żewġ partijiet Nru tal-kont 11797111026 li sakemm ġiet terminata l-

---

[67] Dok. LA1 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021 a. fol. 770.
[68] Dok. LA2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank HSBC fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2021 a. fol. 770.
[69] Dok. JB1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 106.
[70] Dok. JB2 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 106.
[71] Dok. JB 3 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 106.
[72] Dok. JBA1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 a. fol. 757.
[73] Dok. JBA2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 a. fol. 757.
[74] Dok. JBA3 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 a. fol. 757.
[75] Dok. JB4 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 a. fol. 106.

komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €0.07;[76]

h. Fixed Term Deposit account mal-bank ME Direct f'isem A B Nru tal-kont M650093AB li nfetaħ fl-2011 u ngħalaq fid-19 ta' Jannar 2015;[77]

i. Fixed Term Deposit account mal-bank ME Direct f'isem A B Nru tal-kont 3M6500930019 li nfetaħ fl-2013 u ngħalaq fid-19 ta' Jannar 2015;[78]

i. Savings account mal-bank ME Direct f'isem A B Nru tal-kont M650093AA li sakemm ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti kien għadu attiv u kien hemm bilanċ ta' €4.06; [79]

h. Investimenti f'isem il-partijiet:
   a. BOV Fund Services: Vilhena Dynamic Multimanager Fund f'isem iż-żewġ partijiet li sat-30 ta' Novembru 2016 il-valur tal-holdings kien żero;[80]
   b. BOV Fund Services: Vilhena EURO Multimanager Fund f'isem iż-żewġ partijiet li sat-30 ta' Novembru 2016 il-valur tal-holdings kien €3866.89;[81]
   c. BOV Fund Services: Vilhena Maltese Opportunities Fund f'isem iż-żewġ partijiet li sat-30 ta' Novembru 2016 il-valur tal-holdings kien €3602.48;[82]
   d. BOV Fund Services: Investimenti bin-numru tar-reġistru 2122 f'isem l-attriċi weħedha: a. APS Diversified Bond Fund Class C accumulator; b. APS Ethical Fund Class C Accumulator c. APS Income Fund Accumulator (Dawn l-investimenti jirriżulta li saru wara li ntemmet il-komunjoni tal-akkwisti) d. APS Income Fund Distributor li sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni kellu l-valur ta' €4.74 e. La Valette Malta Fund accumulator li ngħalaq 8 ta' Novembru

---

[76] Dok. JB5 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Bank BOV fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2016 a. fol. 106.

[77] Dok. ME1 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank ME Direct fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 a. fol. 1188.

[78] Dok. ME2 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank ME Direct fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 a. fol. 1188.

[79] Dok. ME3 ppreżentat mir-rappreżentanta tal-Bank ME Direct fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 a. fol. 1188.

[80] Dok. NB1 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.

[81] Dok. NB2 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.

[82] Dok. NB3 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.

2004 u f. Malta Privitisation Equity Fund li ngħalaq 20 December 2006;[83]

d. BOV Fund Services: Investimenti bin-numru tar-reġistru 2055 f'isem iż-żewġ partijiet: a. La Vallette Capital Growth Fund li ngħalaq 19 ta' Diċembru 2006 b. La Valette Malta Fund Accumulator li ngħalaq 2 ta' Mejju 2014 c. La Valette Multi Manager Property FD MP li ngħalaq 1 ta' Lulju 2011 d. La Valette Multi Manager Property FD SP li ngħalaq 1 ta' Lulju 2011 e. Vilhena Dynamic Mulitmanger Fund li ngħalaq 20 ta' Lulju 2013 f. Vilhena Euro Multimanager Fund li jidher li għadu attiv u g. Vilhena Maltese Opportunities Fund Accumulator li jidher li għadu attiv;[84]

e. BOV Fund Services: APS Income Fund Distributor Euro f'isem l-attriċi li sat-30 ta' Novembru 2016 il-valur tal-holdings kien €336.62;[85]

f. APS Income Fund-Distributor European Euro f'isem l-attriċi;[86]

g. Malta Stock Exchange plc: li meta ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti l-attriċi kellha f'isimha 6% AX Investments plc Bonds 2024 u BOV Plc Ordinary Shares;[87]

h. Malta Stock Exchange plc: BOV Plc Ordinary Shares u Malta International Airport Plc Ordinary A Shares f'isem il-konvenut;[88]

i. Malta Stock Exchange plc: BOV Plc Ordinary Shares f'isem iż-żewġ partijiet.[89]

i. Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBX-312 tat-tip Alfa Romeo Giulietta reġistrata fuq isem l-attriċi;[90]

---

[83] Dok. NB4 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[84] Dok. NB4 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[85] Dok. NB5 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-BOV Fund Services fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[86] Dok. APS 10 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Bank APS fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[87] Dok. MA1 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Malta Stock Exchange fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2021 a. fol. 842.
[88] Dok. MS1 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Malta Stock Exchange fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2018 a. fol. 513.
[89] Dok. MS1 ppreżentat mir -rappreżentanta tal-Malta Stock Exchange fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2018 a. fol. 513.
[90] Xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 a. fol. 481.

j. Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBT-545 tat-tip Nissan Juke reġistrata fuq isem il-konvenut;[91]

*<u>Lista ta' assi parafernali tal-partijiet:</u>*

Is-segwenti huma l-lista ta' assi li l-attriċi tniżżel bħala parafernali tagħha[92]:

a. Karozza tat-tip *Ford Fiesta Popular Plus* li kienet inxtrat għal tliet elef u ħames mija (3,500) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u nbiegħet għal elf u mija (1,100) Liri Maltin fiż-żwieġ;

b. Flus fil-kont tal-bank Mid-Med (HSBC) fil-fergħa ta' Ħaż-Żabbar numru tal-kont kurrenti 421026165 u kont savings, li kienu jaqbżu għaxart elef (10,000) Liri Maltin;

c. Flus fil-kont ta' Lombard North Central fl-Ingilterra li tgħid li kien fetħilha missierha meta għalqet sittax-il sena u li qabel iż-żwieġ kienu jammontaw għal sittax-il elf (16,000) Liri Maltin. Tgħid li dawn għalqithom fiż-żwieġ u xtrat investiment fl-Scottish Fund permezz tal-Bank APS. Din il-Fund tgħid li wara għalqitha u xtrat investimenti oħra mal-APS Bank li għad għandha sal-lum anki flimkien mal-konvenut.

d. Flus li tawha l-ġenituri tagħha wara ż-żwieġ li jammontaw għal madwar erbat elef (4,000) Liri Maltin.

e. Appliances għall-kcina, affarijiet tal-kċina nklużi borom waterless ta' mitejn (200) Liri Maltin, magna tal-ħjata, bjankerija, pittura, tiżjin tad-dar u għamara li xtrat qabel iż-żwieġ.

f. Numru kbir ta' kotba. Laptops li pprovdewlha d-dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Università għax-xogħol tagħha bħala lecturer.

g. Deheb, perli u ħwejjeġ personali.

Is-segwenti huma l-lista ta' assi li l-konvenut iniżżel bħala parafernali tiegħu:[93]

---

[91] Xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2017 a. fol. 481.
[92] It-tieni affidavit tal-attriċi a. fol. 69 tal-proċess.
[93] Affidavit tal-konvenut a. fol. 1020.

a. Karozza tat-tip Lada Samara li xtara elfejn u mitejn ( 2,200) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u biegħha fiż-żwieġ.

b. Mutur Honda XL 250 li kien xtara elf u mija (1,100) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u biegħu fiż-żwieġ.

c. Flus fil-kont tal-Bank HSBC fil-fergha taz-Zurrieq numru tal-kont 078 001 286 ta' madwar ħamest elef (5,000) Liri Maltin.

d. Appliances tal-kċina, kenwood, toaster, electric kettle li jgħid li kienu rigali ta' ħutu.

e. Xogħolijiet li għamel fid-dar matrimonjali hu u missieru kif ukoll ir-raġel t'oħtu u ħuħ.

**Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti sejra tipproponi s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u assenjazzjoni ta' assi parafernali:**

*<u>Id-dar matrimonjali bl-indirizz X, Mons. X, Siggiewi SGWX</u>*

Id-dar bl-indirizz *X, Mons. X Siggiewi SGWX*
b'effett mill-preżenti, m'għadhiex tikkostitwixxi id-dar matrimonjali tal-partijiet. Il-Qorti tħoss illi ġie ppruvat li ż-żewġ partijiet ħadmu biex bnew din id-dar u għamlu xogħolijiet neċessarji fiha iżda l-ebda parti ma ġabet provi sodisfaċjenti li jippruvaw krediti favur xi parti jew oħra. L-attriċi omm minn dejjem ħadmet u t-tfal huma maġġorenni b'wieħed mit-tfal jingħad li ma jgħix ma' ommu u l-ieħor jgħix barra minn Malta.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi omm ma għandiex tibqa' tabita fid-dar matrimonjali u din għandha tinbiegħ. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' sena mid-data ta' din is-sentenza li fih l-attriċi għandha tieħu l-effetti personali tagħha kollha mid-dar u tiżgumbraha. F'każ li d-dar matrimonjali tinbiegħ bi kwalunkwe modalità mfissra f'din is-sentenza, l-attriċi għandha tivvaka l-istess dar dakinhar tal-bejgħ effettiv, anke jekk dan iseħħ f'inqas minn sena.  Il-Qorti qiegħda tieħu bħala

valutazzjoni tad-dar il-valur li taha l-Perit Mario Cassar[94] u *ċioé* dak ta' €620,000 u dan peress li hija l-iktar stima riċenti li saret f'dan il-proċess voluminuż. Id-dar titpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, bil-prezz kkwotat li jkun il-prezz minimu tal-bejgħ. Ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess proprjeta`, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħha kif stabbilit. Tenut kont id-disa' talba ta' l-attrici, hija tista' takkwista dan il-fond jekk tasal għal dan il-prezz, jew jekk il-konvenut jaċċetta mingħandha kwalunkwe offerta oħra. Jekk fi żmien sena mid-data tas-sentenza, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta. Għal kull *buon fini*, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u lil Dr. Martha Mifsud bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi, bi spejjeż tal-istess kontumaċi. Ir-rikavat mill-prezz tal-bejgħ ikun perċepit b'mod ugwali bejn il-partijiet.

*<u>Il-mobbli ta' ġod-dar matrimonjali</u>*

Television li juża t-tifel iżommu t-tifel;

Kompjuters tat-tfal kull wieħed iżomm il-kompjuter tiegħu.

Dwar il-bqija tal-mobbli kollha: Għajr għall-valuri espressi mill-konvenut fl-affidavit tiegħu u l-ammonti li ssemmi l-attriċi ta' kemm kienu nxtraw xi mobbli, ebda parti ma pproduċiet prova tal-valutazzjoni ta' dawn il-mobbli. Għalkemm l-attriċi tgħid li uħud mill-mobbli xtrathom hi u l-konvenut li ċertu mobbli xtrahom hu, dawn inxtraw fiż-żwieġ u allura huma parti mill-komunjoni. Fiċ-ċirkostanzi, jekk il-partijiet fi żmien sena ma jiftehmux dwar il-qasma bejniethom ta' dawn il-mobbli qed jiġi ordnat li dawn jinbiegħu bis-subbasta.

*<u>Il-garaxx bl-indirizz X (3) Ent M, Binja X, Triq Dun X, Siggiewi</u>*

Il-kera ta' dan il-garage għandha tiġi assenjata lill-konvenut *stante* li dan il-garage dejjem intuża mill-konvenut sabiex jiġġestixxi x-xogħol tiegħu ta' Inġinier. F'każ ta' opportunità ta' xiri, jsegwi li l-konvenut ikollu d-dritt hu li jixtri tali garage.

[94] Rapport tal-Perit Mario Cassar a. fol. 1306.

*Żewġ postijiet mixtrija mill-konvenut li nxtraw wara li ġiet xolta l-komunjoni u għalhekk ma jiffurmawx parti mil-komunjoni tal-akkwisti: Appartament u garage fil-Qajjenza, limiti ta' Birżebbuġa li l-konvenut ottjena permezz ta' Kuntratt tad-29 ta' Ottubru 2020 u Appartament u garage fil-bajja ta' San Tumas limiti ta' Marsascala li l-konvenut ottjena permezz ta' Kuntratt tat-30 ta' Novembru 2017*

Dawn iż-żewġ proprjetajiet mixtrija mill-konvenut li flimkien nxtraw għal-prezz globali ta' tliet elef u tnejn u sebgħin Ewro (€372,000) wara li ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti għandhom jibqgħu assenjati lilu b'dak illi għalkemm huwa ammetta li uża xi flus tal-komunjoni (ammonti mhux pruvati u hemm ukoll it-trapass taż-żmien ta' sena u tliet snin wara li ġiet terminata l-komunjoni li fihom il-konvenut kellu ċ-ċans iġemma wkoll mill-introjtu tiegħu) li kien ġemma biex xtara dawn il-proprjetajiet,[95] il-Qorti minn naħa l-oħra mhix ser tordna lill-attriċi tgħaddi nofs is-sommom li hi wkoll ammettiet li ħadet mill-komunjoni eżatt qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri li jekk wieħed jieħu l-valuri sostanzjali jammontaw għal madwar €57,700 u GBP23,800 u madwar €148,000 f'investimenti flimkien ma' ammonti sostanzjali oħra li jidher li ttieħdu mill-attriċi meta wieħed jara l-kontijiet li hi kellha mal-bank Me Direct.[96]

*Ċekkijiet mhux imsarrfa*

Jirriżulta li ċ-ċekkijiet ppreżentati mill-attriċi indirizzati lill-konvenut jew ma ġewx imsarrfa sakemm ġiet xolta l-komunjoni jew jekk ġew imsarrfa l-konvenut ħeba fejn jinsabu tant li l-unika spjega fejn jinsabu dawn il-valuri tirriżulta biss minn kumment fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut fejn jgħid li ġew depożitati f'Jannar 2016 u ma jindikax bl-ebda mod fejn ġew depożitati. Dawn iċ-ċekkijiet jammontaw għal €39,501.56 u għalhekk il-konvenut irid jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' €19,750.78 bħala nofs l-ammont ta' dawn iċ-ċekkijiet.

*Vetturi f'isem il-partijiet*

Fil-waqt li rappreżentant tat-Transport Malta kkonferma liema karozzi huma reġistrati fuq il-partijiet, il-partijiet naqsu milli jġibu prova tal-valur tat-tali vetturi, bil-konvenut iniżżel ammont biss fil-lista li annetta mal-

[95] Kontro-eżami tal-attur a.fol. 1250.

[96] Fol.

affidavit tiegħu.  Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li tali vetturi għandhom jibqgħu jgħajjtu lil kull parti rispettiva u *ċioé:*

Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBX-312 tat-tip *Alfa Romeo Giulietta* reġistrata fuq isem l-attriċi għanda tiġi assenjata lilha; u

Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBT-545 tat-tip *Nissan Juke* reġistrata fuq isem il-konvenut għanda tiġi assenjata lilu

mingħajr l-ebda dritt ta' xi ekwiparazzjoni bejn il-partijiet.

*Kontijiet bankarji u investimenti f'isem il-partijiet:*

Il-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet weħedhom u f'isem il-partijiet flimkien li sad-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni kienu għadhom attivi għandhom kollha jiġu diviżi b'mod ugwali bejn il-partijiet b'dak illi l-valur tagħhom ikun dak indikat hawn fuq bħala l-valur fid-data meta ġiet xolta l-komunjoni.  B'hekk dwar l-allegazzjonijiet tal-attriċi illi l-konvenut trasferixxa ammonti kbar fuq ismu minn kontijiet konġunti dawn jiġu indirizzati għaliex il-kontijiet anke f'isem il-partijiet personalment, li xorta jagħmlu parti mill-komunjoni, ser jiġu maqsuma bejn it-tnejn.

Għalhekk il-valuri tal-kontijiet *joint* fid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni kienu jammontaw għal €19,777.24 u għalhekk il-partijiet iridu jaqsmu dan l-ammont bejniethom ugwalment.  Il-kontijiet f'isem l-attriċi weħedha kienu jammontaw għal €22,444.20 u GBP19,493.63  u għalhekk hija trid tagħti nofs dawn il-valuri lill-konvenut.  Il-kontijiet f'isem il-konvenut waħdu kienu jammontaw għal €110,490.17 u għalhekk huwa jrid jagħti nofs dan il-valur lill-attriċi.

Il- VISA Gold mal-bank BOV f'isem il-konvenut għandha tiġi assenjata lilu b'kull dejn li hemm fuqha.

Il-valur tal-investimenti kollha mniżżla hawn fuq li jiffurmaw parti mill-komunjoni, sew f'isem il-partijiet konġuntivament u sew fuq il-partijiet separatament għandhom jinqasmu bejn il-partijiet bil-valur jittieħed dak tad-data li fih ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti u *ċioé* 13 ta' Ottubru 2016.  F'każ li xi investimenti minn dawn sadanittant inbiegħu, il-Qorti tordna illi ssir ekwiparazzjoni bil-flus tal-valur tal-investimenti fid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni.

*Assi parafernali:*

Il-Qorti tħoss li għandha hawn tfakkar illi Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili jgħid kif ġej:

*"Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu –*

*(a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom;*

***(b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ,sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt,b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti;***

*(ċ) bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta' dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali ta' kwalunkwe wieħed mill-konjuġi;*

*(d) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin;*

***(e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni;***

*(f) rebħ bix-xorti li jmiss lill-parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta' teżor misjub minn parti minnhom, u li skont il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha,jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta' terzi. Iżda dak is-sehem ta' teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa' kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab."*

Għaldaqstant, dak kollu li l-partijiet isemmu fil-listi parafernali tagħhom illi nġieb fiż-żwieġ u nbidel fin-natura tiegħu b'dak illi l-partijiet ħadu l-frott tiegħu fiż-żwieġ, dak il-frott huwa parti mill-komunjoni. Għalhekk dawn li ġej il-Qorti qed tiddikjarhom parti mill-komunjoni li ġiet xolta kif premess:

Assi allegatament tal-attriċi:

a. Karozza tat-tip *Ford Fiesta Popular Plus* li kienet inxtrat għal tliet elef u ħames mija (3,500) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u nbiegħet għal elf u mija (1,100) Liri Maltin fiż-żwieġ;

b. Flus fil-kont tal-bank Mid-Med (HSBC) fil-fergħa ta' Ħaż-Żabbar numru tal-kont kurrenti 421026165 u kont savings, li kienu jaqbżu għaxart elef (10,000) Liri Maltin;

c. Flus fil-kont ta' Lombard North Central fl-Ingilterra li tgħid li kien fetħilha missierha meta għalqet sittax-il sena u li qabel iż-żwieġ kienu jammontaw għal sittax-il elf (16,000) Liri Maltin. Tgħid li dawn għalqithom fiż-żwieġ u xtrat investiment fl-Scottish Fund permezz tal-Bank APS. Din il-Fund tgħid li wara għalqitha u xtrat investimenti oħra mal-APS Bank li għad għandha sal-lum anki flimkien mal-konvenut.

Assi allegatament tal-konvenut:

a. Karozza tat-tip Lada Samara li xtara elfejn u mitejn ( 2,200) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u biegħha fiż-żwieġ.

b. Mutur Honda XL 250 li kien xtara elf u mija (1,100) Liri Maltin qabel iż-żwieġ u biegħu fiż-żwieġ.

c. Flus fil-kont tal-Bank HSBC fil-fergha taz-Zurrieq numru tal-kont 078 001 286 ta' madwar ħamest elef (5,000) Liri Maltin.

Dwar is-segwenti assi ma nġabet l-ebda tip ta’ prova li huma parafernali u għalhekk minħabba nuqqas ta’ provi l-Qorti ma tistax tiddeċiedi li għandhom jiġu assenjati lil xi parti:

Assi allegatament tal-attriċi:

a. Flus li tawha l-ġenituri tagħha wara ż-żwieġ li jammontaw għal madwar erbat elef (4,000) Liri Maltin.

b. Appliances għall-kcina, affarijiet tal-kċina nklużi borom *waterless* ta' mitejn (200) Liri Maltin, magna tal-ħjata, bjankerija, pittura, tiżjin tad-dar u għamara li xtrat qabel iż-żwieġ.

Assi allegatament tal-konvenut:

a. Appliances tal-kċina, kenwood, toaster, electric kettle li jgħid li kienu rigali ta' ħutu.

*F'każ li jeżistu dawn l-assi dawn għandha teħodhom l-attriċi:*

a. Numru kbir ta' kotba. Laptops li pprovdewlha d-dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Università għax-xogħol tagħha bħala lecturer.

b. Deheb, perli u ħwejjeġ personali tagħha.

Il-Qorti ma tħossx li għandha tiddeċiedi fuq kreditu favur il-konvenut għal-xogħolijiet li jgħid li għamel (mingħajr provi ta' valuri) fid-dar matrimonjali hu u missieru kif ukoll ir-raġel t'oħtu u ħuħ. L-attriċi bla dubju ħadmet ħafna għall-familja u d-dar matrimonjali bil-valur li ġġib illum, ser tinqasam bejn il-partijiet u għalhekk kull parti ser tgawdi mill-isforzi li kull waħda għamlet fid-dar u għaż-żwieġ.

*__Dwar l-arretrati ta' manteniment__*

L-attriċi fin-nota tagħha tqajjem il-pretensjoni tal-arretrati ta' manteniment ta' €3,065 li dwarhom kienet ressqet rikors quddiem din il-Qorti fil-mori tal-kawża.[97] Il-Qorti f'digriet preċedenti dwar manteniment[98] kienet ordnat lill-attriċi sabiex qabel ma jiġu nkorsi spejjeż straordinarji tat-tifel u *ċioé* dawk ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet extra kurrikulari issir id-debita konsultazzjoni mal-konvenut. L-attriċi stess tammetti illi din ma saritx fir-rikors tagħha tal-4 ta' Ġunju 2019 minħabba allegat biża mill-konvenut. Il-Qorti kienet ċaħdet it-talba f'dak l-istadju. Il-Qorti tirreleva illi ordnijiet maħruġa minnha jingħataw wara li l-Qorti tkun għaġnet is-sitwazzjoni u għalhekk ma jistax wieħed jiddeċiedi unilateralment illi jinjora t-tali ordnijiet. L-attriċi setgħet għamlet konsultazzjoni mal-

[97] Fol. 662.

[98] Digriet tal-25 ta' Frar 2016, a. fol. 40.

konvenut *tramite* l-avukati jew f'waħda mis-seduti numerużi li saru f'dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-talba għal rifużjoni ta' nofs l-ammont ta' €3,065.

5. **Kunjom xbubit l-attriċi;**

L-attriċi titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* F u l-konvenut ma joġġezzjonax għal dan. Il-Qorti tilqa' din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16 li jgħid li "... *l-miżżewġin jistgħu, mas-separazzjoni, jagħżlu li jirrevertu għal kunjomhom ta' meta twieldu jew għal kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom."*

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, iżda dan bi ħtijiet ugwali taż-żewġ partijiet fil-konfront ta' xulxin għar-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Liġi.

2. Tiċħad it-tieni talba b'dak illi tiddikjara illi ż-żewġ partijiet huma ħatja b'mod ugwali għat-tkissir taż-żwieġ *de quo;*

3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba *stante* li iben il-partijiet E Aqulina m'għadux minorenni;

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames talba *stante* li iben il-partijiet E Aqulina m'għadux minorenni u għalaq ukoll it-tlieta u għoxrin (23) sena;

5. It-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-Sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fil-proċediment fl-ismijiet inversi[99] fit-13 ta' Ottubru 2016;

---

[99] Rik. Ġur. Nru 271/15AL.

6. Tiċħad is-seba’ talba *stante* li ż-żewġ partijiet huma ħatja b’mod ugwali għat-tkissir taż-żwieġ *de quo* u tiddeċiedi dwar dan skont il-provvediment tlieta (3) ta’ din is-Sentenza u *ċioé “L-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16”;*

7. Tiċħad it-tmien talba għar-raġunijiet hawn fuq premessi u tordna illi l-attriċi tgħix fid-dar sa żmien sena u tordna illi d-dar tinbiegħ bil-modalitajiet hawn fuq premessi;

8. Tilqa’ d-disa’ talba u tiddeċiedi li l-attriċi tista’ takkwista dan il-fond jekk tasal għall-prezz stabbilit mill-Perit Mario Cassar, jew jekk il-konvenut jaċċetta mingħandha kwalunkwe offerta oħra, kif hawn fuq premess;

9. Tilqa’ l-għaxar talba limitatament għall-mod kif ordnat il-Qorti hawn fuq;

10. Tilqa’ limitatament il-ħdax-il talba b’dan illi taqsam u tiddividi l-beni appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u tali diviżjoni u assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvedimenti tar-raba’ (4) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé “**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali”;*

11. Dwar it-tnax-il talba tiddeċiedi skont il-provvedimenti tar-raba’ (4) parti ta’ din is-Sentenza u *ċioé “It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta’ dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti* ***u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali****”;*

12. Tilqa’ it-tlettax-il-taba u tiddikjara illi l-fond bl-indirizz X, Triq Mons. X, Siġġiewi, SGWX m’għadux iktar jitqies bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;

13. Tilqa’ l-erbatax il-talba limitatament għad-dar matrimonjali *stante* li l-garage ġie assenjat lill-konvenut kif hawn fuq deċiż;

14. Tilqa’ il-ħmistax-il talba u tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-Att relattiv u lil Dr. Martha Mifsud bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi, bi spejjeż tal-istess kontumaċi kontra ż-żewġ partijiet;

15. Tilqa’ is-sittax-il talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* F;

16. Tilqa’ is-sbatax-il talba tal-attriċi b’dana illi tawtorizzaha tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjeż, jiġu sopportati mill-partijiet b’mod ugwali bejniethom.

L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tad-dar ġja matrimonjali, ikunu sapportati miż-żewġ partijiet f’ishma ugwali.

L-ispejjeż tan-Nutar Dr. Sean Critien u tal-kuratur Dr. Martha Mifsud għall-eventwali kontumaċi nominati iktar ’il fuq f’din is-sentenza, kontra ż-żewġ partijiet.